2024/1746

24.6.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/1746

tal-24 ta' Ġunju 2024

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.

(2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal- 21 u t-22 ta' Marzu 2024, il-Kunsill Ewropew afferma mill-ġdid l-appoġġ sod tal-Unjoni għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment u rrikonoxxa d-dritt inerenti tal-Ukrajna li tiddefendi ruħha kontra l-aggressjoni Russa. Il-Kunsill Ewropew appella wkoll għal passi ulterjuri biex tiddgħajjef l-abbiltà tar-Russja li tkompli għaddejja bil-gwerra ta' aggressjoni tagħha, inkluż permezz tat-tisħiħ tas-sanzjonijiet.

(3) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, huwa xieraq li jiġu adottati miżuri restrittivi ulterjuri.

(4) B'mod partikolari, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li 69 persuna u 47 entità responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna jiżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-24 ta' Ġunju 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES

([1]) ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.

ANNESS

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014:

Persuni

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"1755.	Aram Ashotovich GABRELYANOV (Арам Ашотович ГАБРЕЛЯНОВ)	Funzjoni: Propagandist; fundatur u direttur editorjali ta' Life.ru Data tat-twelid: 10.8.1961 Post tat-twelid: Derbent, Dagestan, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 770204507032	Aram Gabrelyanov huwa propagandist Russu qrib il-Kremlin. Huwa qed ixerred propaganda aggressiva, billi jxerred aħbarijiet foloz u miżinformazzjoni b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa l-fundatur u d-direttur editorjali tal-portal tal-aħbarijiet Life, li sar wieħed mis-simboli ta' propaganda bla skrupli. Huwa stess tkellem b'mod aggressiv u b'mod preġudikat kontra l-awtoritajiet tal-Ukrajna eletti demokratikament u dejjem enfasizza l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-politika aggressiva tar-Russja fir-rigward tal-Ukrajna. Huwa kien involut b'mod attiv f'diversi proġetti mwettqa f'territorji Ukreni okkupati għall-ispeċjalisti tal-media, bħall-'Academy of Emotions' iffinanzjata mill-Fond Presidenzjali għall-Inizjattivi Kulturali u stabbilita biex tippromwovi l- gwerra. Il-kumpanija tiegħu Mash timmaniġġja pubblikazzjonijiet reġjonali tal-proġett ta' propaganda Mash. Huwa wkoll sponsor tal-proġett militari WarGonzo Z-military, li l-korrispondenti tiegħu ilhom iwettqu propaganda kontra l-Ukrajna mill-bidu tal-gwerra. Għalhekk, Aram Gabrelyanov qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1756.	Vadim Vladimirovich YAKOVENKO (Вадим Владимирович ЯКОВЕНКО)	Funzjoni: Kap tal-Aġenzija Federali għall-Ġestjoni tal-Proprjetà tal-Istat (Rosimuschestvo) Data tat-twelid: 2.1.1970 Post tat-twelid: Sochi, Krasnodar Krai, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 232008937900	Vadim Yakovenko huwa Kap tal-Federal Agency for State Property Management (Rosimushchestvo), korp eżekuttiv federali Russu li jimmaniġġja proprjetà federali, li jorganizza l-bejgħ ta' proprjetà federali li tkun ser tiġi privatizzata u proprjetà sekwestrata f'konformità ma' deċiżjoni tal-qorti jew ma' direttivi ta' aġenziji oħra. Rosimuschestvo hija responsabbli għat-teħid ta' kontroll fuq diversi assi tal-Punent bid-Digriet Nru 302 'Dwar il-Ġestjoni Temporanja ta' Ċerta Proprjetà' iffirmat mill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin. Dak id-digriet ġie ffirmat biex jiġi żgurat il-funzjonament stabbli tas-settur tal-enerġija Russu u l-operat mingħajr interruzzjoni ta' kumpaniji sinifikanti għall-ekonomija Russa. Barra minn hekk, Rosimuschestvo tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għad-dħul tal-Federazzjoni Russa. Bħala Kap ta' Rosimuschestvo, Vadim Yakovenko qed jappoġġa materjalment u finanzjarjament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed jibbenifika minnu. Barra minn hekk, Rosimuschestvo hija involuta b'mod attiv fil-kontribuzzjoni tal-għajnuna għall-attivitajiet tal-Federazzjoni Russa fit-territorji Ukreni okkupati ta' Donbas. Bħala Kap ta' Rosimuschestvo, Vadim Yakovenko qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1757.	Oleg Valerievich MORGUN (Олег Валерьевич МОРГУН)	Funzjoni: L-hekk imsejjaħ Sindku ta' Mariupol Data tat-twelid: 19.3.1967 Post tat-twelid: Sadkovtsy, USSR (illum Ukraine) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Minn Novembru 2023, Oleg Morgun l-hija l-hekk imsejjaħ Sindku tal-belt ta' Mariupol, li hija taħt il-kontroll u l-okkupazzjoni tal-awtoritajiet Russi. Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1746/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1758.	Alexander Alexeyevich MOISEYEV (Александр Алексеевич МОИСЕЕВ)	Funzjoni: Ammiral; aġent Kap Kmandant tal-Flotta Navali tar-Russja Data tat-twelid: 16.4.1962 Post tat-twelid: Borskoye, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	L-Ammiral Alexander Moiseyev ilu l-Aġent Kap Kmandant tal-Flotta Navali tar-Russja mill-10 ta' Marzu 2024. Għaldaqstant, huwa responsabbli għal kwalunkwe operazzjoni marittima tal-Flotta Navali Russa, inkluż kontra l-Ukrajna. Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1759.	Aleksandr Vladimirovich LUZYANIN magħruf ukoll bħala Alexander LUZYANIN (Александр Владимирович ЛУЗЯНИН)	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC Hydromash Data tat-twelid: 27.11.1959 Post tat-twelid: People's Republic of China Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 526002444457	Aleksandr Luzyanin huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC Hydromash, intrapriża Russa ewlenija fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-ittestjar ta' attrezzatura għall-inżul, ċilindri idrawliċi u unitajiet idrawliċi għal kull tip ta' apparat ta' inġenji tal-ajru. Il-kumpanija tipparteċipa fi kważi l-proġetti domestiċi kollha ta' kostruzzjoni ta' inġenji tal-ajru (kemm fl-isfera ċivili kif ukoll f'dik militari). JSC Hydromash twettaq l-ordnijiet ta' difiża tal-istat Russu, u l-prodotti tagħha (xażi u unitajiet idrawliċi oħra) jintużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Fl-aħħar tal-2022, Aleksandr Luzyanin irċieva ittra ta' rikonoxximent mill-President tal-Kumitat tad-Difiża tad-Duma tal-Istat tal-Assemblea Federali tal-Federazzjoni Russa għall-kontribut personali kbir tiegħu għat-tisħiħ ta' tħejjija għall-ġlieda tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Peress li huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC Hydromash, Aleksandr Luzyanin huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-kumpanija u għalhekk qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1760.	Vladimir Grigorievich GURBICH (Владимир Григорьевич ГУРБИЧ)	Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-JSC NPO PRZ Data tat-twelid: 19.7.1948 Post tat-twelid: Karaganda, USSR (illum Kazakhstan) Sess: raġel Nazzjonalità: Russa	Vladimir Gurbich huwa d-Direttur Ġenerali ta' Joint Stock Company (JSC) NPO PRZ. JSC NPO PRZ tagħmel partiminn Almaz Antey concern. JSC NPO PRZ timmanifattura, issewwi u timmodernizza tagħmir tar-radar għat-truppi tad-difiża tal-ajru, u għal għadd ta' prodotti hija l-uniku manifattur. Flimkien mas-sħab, tipproduċi sistemi u stazzjonijiet tar-radar, sistemi tal-antenni u tagħmir tar-radar ta' diversi tipi li jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tagħhom kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Vladimir Gurbich qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa assoċjat ukoll ma' JSC NPO PRZ.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1761.	Viktor Viktorovich BRANCHUGOV ((Виктор Викторович БРАНЧУГОВ)	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC NPO MRTZ Sess: raġel Nazzjonalità: Russa	Viktor Branchugov huwa d-Direttur Ġenerali ta' Joint Stock Company (JSC) NPO MRTZ. JSC NPO MRTZ tagħmel parti minn Almaz Antey concern. Il-prodotti ewlenin tal-JSC NPO MRTZ huma komponenti għal radars ta' illuminazzjoni u gwida tas-sistemi ta' difiża tal-ajru, għal postijiet ta' kmand tas-sistemi ta' difiża tal-ajru, għal sistemi ta' llanċjar, għal gwerra elettronika u għall-bażijiet tat-tiswija mobbli. Ħafna mill-prodotti jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Viktor Branchugov qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa assoċjat ukoll ma' JSC NPO MRTZ.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1762.	Valery Evgenyevich TYULIN (Валерий Евгеньевич ТЮЛИН)	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC FNPTS NNIIRT Sess: raġel Nazzjonalità: Russa	Valery Tyulin huwa d-Direttur Ġenerali ta' Joint Stock Company (JSC) FNPTS NNIIRT. JSC FNPTS NNIIRT tagħmelparti minn Almaz Antey concern. Il-lokalizzaturi 1L125 'Niobium-SV', mill-familja ta' lokalizzaturi 'Nebo', maħluqa minn JSC FNPTS NNIIRT, jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. JSC FNPTS NNIIRT qed tiżviluppa radar ġdid għad-difiża militari bl-ajru, li rċieva d-dežinjazzjoni attwali 'Niobium-SV'. Dawk ir-radars il-ġodda qed jintużaw fil-Forzi Armati Russi. Għalhekk, Valery Tyulin qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa assoċjat ukoll ma' JSC FNPTS NNIIRT.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1763.	Nikolai Anatolyevich KALIK (Николай Анатольевич КАЛИК)	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC GPTP GRANIT Sess: raġel Nazzjonalità: Russa	Nikolai Kalik huwa d-Direttur Ġenerali ta' Joint Stock Company (JSC) GPTP GRANIT. JSC GPTP GRANIT tagħmel parti minnAlmaz-Antey concern Il-klijent ewlieni ta' JSC GPTP GRANIT hija l-Flotta tal-Baħar l-Iswed tal-Federazzjoni Russa skjerata fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Sevastopol. JSC GPTP GRANIT twettaq mhux biss tiswijiet ta' tagħmir militari, iżda wkoll manutenzjoni ta' sistemi moderni kontra l-inġenji tal-ajru li jidħlu fis-servizz. JSC GPTP GRANIT timmonitorja l-operat tas-sistemi Triumph S-400 u S-300 PM ġodda u tipprovdi servizz lill-unitajiet militari tal-forzi tal-art. Għalhekk, Nikolai Kalik qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa assoċjat ukoll ma' JSC GPTP GRANIT.	24.6.2024

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1746/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1764.	Andrey Vladimirovich GUDIN (Андрей Владимирович ГУДИН)	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC MZ RIP Sess: raġel Nazzjonalità: Russa	Andrey Gudin huwa d-Direttur Ġenerali ta' (JSC) Joint Stock Company MZ RIP, parti minnAlmaz-Antey concern JSC MZ RIP tipproduċi sistemi ta' difiża tal-ajru, radar, tagħmir tan-navigazzjoni bir-radju u tagħmir ta' kontroll mill-bogħod bir-radju, armi u munizzjon u sistemi ta' komunikazzjoni, li ntużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. MZ RIP hija wkoll membru tal-Lega tal-Industrija tad-Difiża tar-reġjun ta' Vladimir. Għalhekk, Andrey Gudin qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa assoċjat ukoll ma' JSC MZ RIP.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1765.	Oleg Yurievich MARTYNOV (Олег Юрьевич МАРТЫНОВ)	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC DNPP Data tat-twelid: 20.11.1954 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Oleg Martynov huwa d-Direttur Ġenerali ta' Joint Stock Company (JSC) DNPP. JSC DNPP tagħmel parti minn Almaz-Antey concern. L-attività ewlenija ta' JSC 'DNPP' hija li toħloq u tipproduċi prodotti tad-difiża ta' teknoloġija avvanzata għall-Forzi Armati Russi, li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Oleg Martynov qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa assoċjat ukoll ma' JSC DNPP.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1766.	Yaroslav Yuryevich DRONOV (Ярослав Юрьевич ДРОНОВ) Isem artistiku: Shaman	Funzjoni: Kantant Data tat-twelid: 22.11.1991 Novomoskovsk, Tula Oblast USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 711616076420	Yaroslav Dronov huwa kantant Russu. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, huwa ppartecipa ripetutament f'kunċerti organizzati mill-Kremlin, inkluż l-avveniment tal-Kremlin fl-okkażjoni tal-anniversarju ta' dik il-gwerra, u ta kunċerti fir-reġjuni okkupati illegalment tal-Ukrajna, inkluż bħala parti minn avvenimenti ta' divertiment tat-truppi għall-Forzi Armati Russi. Għalhekk, Yaroslav Dronov qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1767.	Olga Pavlovna KOLUDAROVA (Ольга Павловна КОЛУДАРОВА)	Funzjoni: Aġent Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk' Nazzjonalità: Russa Data tat-twelid: 16.12.1983 Post tat-twelid: Izhevsk, Udmurt Republic, (issa Russian Federation) Sess: mara	Olga Koludarova hija l-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'. Hija waħda mill-persuni involuti fid-deportazzjoni ta' tfal mill-Ukrajna biex tedukahom mill-ġdid fil-Federazzjoni Russa. Fil-programmi ta' riedukazzjoni tagħha, hija tikkoopera ma' Ramsan Kadyrov u mal-'Movement of the First', organizzazzjoni taż-żgħażagħ immexxija mill-Istat fil-Federazzjoni Russa, li nħolqot f'Diċembru 2022 fuq l-inizjattiva tal-President tal-Federazzjoni RussaVladimir Putin biex tipprovdi attivitajiet edukattivi, inkluż ta' natura militarizzata, għal tfal ta' bejn is-6 u t-18-il sena, abbażi ta' 'objettivi spiritwali u morali tradizzjonali Russi'. Barra minn hekk, Olga Koludarova għandha l-għan li tissinkronizza l-leġiżlazzjoni tal-hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk u l-Federazzjoni Russa fl-isfera edukattiva. Għalhekk, Olga Kuznetsova qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1768.	Konstantin Sergeyevich NURIEV (Константин Сергеевич НУРИЕВ)	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' R-Stroy LLC Data tat-twelid: 27.9.1987 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Konstantin Nuriev huwa d-Direttur Ġenerali ta' R-Stroy LLC, li rċeviet kuntratti tal-gvern Russu biex tibni mill-ġdid il-belt ta' Mariupol, li bħalissa tinsab taħt il-kontroll Russu. Din il-kumpanija topera fit-territorji okkupati tal-Ukrajna, mingħajr il-permess tal-awtoritajiet Ukreni. Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1769.	Nikolay Alexandrovich MILKIS (Николай Александрович МИЛЬКИС)	Funzjoni: Sid il-kumpanija R-Stroy LLC Data tat-twelid: 4.9.1970 Post tat-twelid: Moscow, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Nikolay Milkis huwa s-sid b'maġġoranza tal-kumpanija R-Stroy LLC, li rċeviet kuntratti tal-gvern Russu biex tibni mill-ġdid il-belt ta' Mariupol, li bħalissa tinsab taħt il-kontroll Russu. Din il-kumpanija topera fit-territorji okkupati tal-Ukrajna, minghajr il-permess tal-awtoritajiet Ukreni. Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1746/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1770.	Andrei Viktorovich KAZAKOV (Андрей Викторович КАЗАКОВ)	Funzjoni: Aġent Direttur Ġenerali ta' Novorossiya Railways Data tat-twelid: 22.3.1964 Post tat-twelid: Krasnouralsk, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Andrei Kazakov huwa l-Aġent Direttur Ġenerali ta' Novorossiya Railways, kumpanija li nħolqot permezz tad-digriet tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa tad-29 ta' Mejju 2023 biex tikkonsolida l-linji ferrovjarji tat-territorji ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia li mhumiex taħt il-kontroll tal-gvern tal-Ukrajna u tmexxihom taħt il-kontroll tal-awtoritajiet Russi. Novorossiya Railways qed tiġi ffinanzjata mill-baġit federali tal-Federazzjoni Russa. L-għan tagħha huwa li toħloq konnessjonijiet alternattivi tat-trasport, li mbagħad jistgħu jintużaw għat-trasport, fost l-oħrajn, ta' materjal militari biex jintuża fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1771.	Andrey Anatolyevich GIBA (Андрей Анатольевич ГИБА)	Funzjoni: Viċi Kap tad-Dipartiment Investigattiv tas-Servizz tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa għal l-Krimea u Sevastopol. Data tat-twelid: 3.11.1976 Post tat-twelid: Simferopol, Ukrainian SSR (illum Ukraine) Nazzjonalità: Russa u Ukrena Sess: raġel Indirizz: Ukraine, Crimea, Simferopol district, Davidovo village, 37, Lesnaya str., 31A Bespalova str Numru tal-passaport internazzjonali: ET218941 Numru tal-passaport: EC301368	Andrey Giba huwa l-Viċi Kap tad-Dipartiment Investigattiv tas-Servizz Federali tas-Sigurtà (FSB) tal-Federazzjoni Russa fil-Krimea u Sevastopol. Fil-pożizzjoni tiegħu, mexxa investigazzjonijiet b'motivazzjoni politika kontra avversarji politiċi fil-Krimea u Sevastopol annessi illegalment. Huwa wettaq ukoll l-investigazzjonijiet fil-proċessi tal-ġurnalist Vladyslav Yesypenko. F'dak il-kuntest, huwa kien involut fil-kampanji sistematiċi ta' persekuzzjoni mmirati lejn il-komunità Tatar tal-Krimea għat-twemmin reliġjuż tagħhom. Għalhekk huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1772.	Sergey MAKHNIOV (Сергей МАХНЕВ)	Funzjoni: Investigatur anzjan għal 'każijiet partikolarment importanti' tad-Dipartiment Investigattiv tas-Servizz tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa għall-Krimea u Sevastopol Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Sergey Makhniov huwa Investigatur anzjan għal 'każijiet partikolarment importanti' tad-Dipartiment Investigattiv tas-Servizz tas-Sigurtà Federali (FSB) tal-Federazzjoni Russa (FSB) fil-Krimea u Sevastopol. Fil-pożizzjoni tiegħu, mexxa investigazzjonijiet b'motivazzjoni politika ta' avversarji tal-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol. Huwa wettaq ukoll l-investigazzjonijiet fil-proċessi ta' Rustem Sheikhaliyev u ta' priġunieri politiċi oħra tal-Krimea. F'dak il-kuntest, huwa kien involut fil-kampanji sistematiċi ta' persekuzzjoni mmirati lejn il-komunità Tatar tal-Krimea għat-twemmin reliġjuż tagħhom. Għalhekk huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1773.	Anatoliy SOLIN (Анатолий СОЛИН)	Funzjoni: Imħallef tal-Qorti tal-Appell Militari tal-Federazzjoni Russa Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Anatoliy Solin huwa mħallef tal-Qorti tal-Appell Militari tal-Federazzjoni Russa. Fil-pożizzjoni tiegħu, ħa diversi deċiżjonijiet b'motivazzjoni politika kontra avversarji tal-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol, kif ukoll deċiżjonijiet ibbażati fuq raġunijiet reliġjużi. B'mod partikolari, Anatoliy Solin mexxa l-prosekuzzjoni kontra Amet Suleymanov u lil priġunieri politiċi oħra. Għalhekk huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1774.	Hanna Serhiyivna TUROBOVA magħrufa wkoll bħala Anna Sergeyevna TUROBOVA (Анна Сергеевна ТУРОБОВА)	Funzjoni: Prosekutur tal-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Krimea Data tat-twelid: 10.8.1969 Post tat-twelid:USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Hanna Turobova hija Prosekutur tal-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Krimea. Fil-pożizzjoni tagħha, hija mexxiet il-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti Suprema tal-Krimea kontra tliet Xhieda tal-Ġeħovah li ġew oppressi minħabba t-twemmin reliġjuż tagħhom. Hija ressqet ukoll akkużi kontra l-ġurnalista u l-attivista tad-drittijiet tal-bniedem Irina Danilovich, talli ddenunzjat il-politiki u l-azzjonijiet meħuda mill-Federazzjoni Russa fil-Krimea u Sevastopol annessi illegalment. Għalhekk Hanna Turobova, qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1775.	Igor Borisovich AKSYONOV (Игорь Борисович АКСЕНОВ)	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' Volga-Dnepr LLC Data tat-twelid: 20.11.1971 Post tat-twelid: Baikonur, USSR (illum Kazakhstan) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 732800052176	Igor Aksyonov huwa wieħed mill-azzjonisti li jikkontrollaw b'mod konġunt il- Volga Dnepr Group, kumpanija azzjonarja ewlenija Russa tat-trasportatur tal-ajru, li tispeċjalizza fit-trasport ta' merkanzija tqila permezz ta' charters domestiċi u internazzjonali u operazzjonijiet skedati. Sa mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Volga Dnepr Group kellu rwol kruċjali fil-manutenzjoni tal-kumpless militari-industrijali tar-Russja u fil-provvista ta' servizzi tat-trasport bl-ajru għal finijiet militari Russi. Il-flotta ta' Volga Dnepr Group tikkonsisti minn 12-il ajruplan tat-tip Antonov An-124, ħames Boeing 747-8F u ħames IL-76TD-90VD (IV). Volga Dnepr Airlines LLC, għandha operazzjonijiet tal-ajru sinifikanti utipprovdi servizzi tat-trasport f'setturi ta' sinifikat strateġiku għall-Gvern Russu, billi timporta minn pajjiżi terzi tagħmir elettroniku, tal-IT u tal-komunikazzjoni, li huma rilevanti għall-isforzi tar-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Għar-rwol kruċjali tiegħu fl-appoġġ tal-Federazzjoni Russa, Volga Dnepr Group inkluż Volga Dnepr Airlines LLC, ibbenifika minn sussidji mill-Gvern Russu. Għalhekk, Igor Aksyonov qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed jibbenifika minnu.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1776.	Nikolai Alekseevich KOROBKO (Николай Алексеевич КОРОБКО)	Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-Volga Dnepr Group Data tat-twelid: 14.1.1950 Post tat-twelid: Solenoye, Kalmykia, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 73280006066724 Numri tal-passaport: 7301193828, 0710012691	Nikolai Korobko huwa d-Direttur Ġenerali tal-Volga Dnepr Group, kumpanija azzjonarja ewlenija Russa tat-trasportatur tal-ajru, li tispeċjalizza fit-trasport ta' merkanzija tqila permezz ta' charters domestiċi u internazzjonali u operazzjonijiet skedati. Sa mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, Volga Dnepr Group kellu rwol kruċjali fil-manutenzjoni tal-kumpless militari-industrijali tar-Russja u fil-provvista ta' servizzi tat-trasport bl-ajru għal finijiet militari Russi. Volga Dnepr Group huwa wkoll il-kumpanija prinċipali ta' Volga Dnepr Airlines LLC. Il-flotta ta' Volga Dnepr Group tikkonsisti minn 12-il ajruplan tat-tip Antonov An-124, ħames Boeing 747-8F u ħames IL-76TD-90VD (IV). Volga Dnepr Airlines LLC għandha operazzjonijiet tal-ajru sinifikanti, utipprovdi servizzi tat-trasport f'setturi ta' sinifikat strateġiku għall-Gvern Russu, billi timporta minn pajjiżi terzi tagħmir elettroniku, tal-IT u tal-komunikazzjoni, li huma rilevanti għall-isforzi tar-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Għar-rwol kruċjali tiegħu fl-appoġġ tal-Federazzjoni Russa, Volga Dnepr Group irċieva sussidji ta' appoġġ mill-Gvern Russu. Għalhekk, Nikolai Korobko qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed jibbenefika minnu.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1777.	Sergey Adolfovich DYACHKOV (Сергей Адольфович ДЬЯЧКОВ)	Funzjoni: Azzjonist kokontrollanti tal-Volga Dnepr Group Data tat-twelid: 26.5.1959 Post tat-twelid: Ulyanovsk region, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 73280738648127 Numri tal-passaport: 7304273188, 7301381541	Sergey Dyachkov huwa wieħed mill-azzjonisti kokontrollanti (b'sehem ta' 25 %) tal-Volga Dnepr Group, kumpanija azzjonarja ewlenija Russa tat-trasportatur tal-ajru, li tispeċjalizza fit-trasport ta' merkanzija tqila permezz ta' charters domestiċi u internazzjonali u operazzjonijiet skedati. Sa mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Volga Dnepr Group kellu rwol kruċjali fil-manutenzjoni tal-kumpless militari-industrijali tar-Russja u fil-provvista ta' servizzi tat-trasport bl-ajru għal finijiet militari Russi. Volga Dnepr Group huwa wkoll il-kumpanija prinċipali ta' Volga Dnepr Airlines LLC. Il-flotta ta' Volga Dnepr Group tikkonsisti minn 12-il ajruplan tat-tip Antonov An-124, ħames Boeing 747-8F u ħames IL-76TD-90VD (IV). Volga Dnepr Airlines LLC għandha operazzjonijiet tal-ajru sinifikanti u tipprovdi servizzi tat-trasport f'setturi ta' sinifikat strateġiku għall-Gvern Russu, billi timporta minn pajjiżi terzi tagħmir elettroniku, tal-IT u tal-komunikazzjoni, li huma rilevanti għall-isforzi tar-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Għar-rwol kruċjali tiegħu fl-appoġġ tal-Federazzjoni Russa, Volga Dnepr Group irċieva sussidji ta' appoġġ mill-Gvern Russu. Għalhekk, Sergey Dyachkov qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed jibbenifika minnu.	24.6.2024

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1746/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1778.	Valery Alexandrovich GABRIEL (Валерий Александрович ГАБРИЭЛЬ)	Funzjoni: Azzjonist kokontrollanti tal-Volga Dnepr Group Data tat-twelid: 3.1.1956 Post tat-twelid: Starobelsk, Luhansk region, Ukraine Nazzjonalità: Russa, Ġermaniża Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 732808701175 Numri tal-passaport: 7314052448, 7303853921, 0719078124	Valery Gabriel huwa wieħed mill-azzjonisti kokontrollanti (b'sehem ta' 25 %) tal-Volga Dnepr Group, kumpanija azzjonarja ewlenija Russa tat-trasportatur tal-ajru, li tispeċjalizza fit-trasport ta' merkanzija tqila permezz ta' charters domestiċi u internazzjonali u operazzjonijiet skedati. Sa mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Volga Dnepr Group kellu rwol kruċjali fil-manutenzjoni tal-kumpless militari-industrijali tar-Russja u fil-provvista ta' servizzi tat-trasport bl-ajru għal finijiet militari Russi. Volga Dnepr Group huwa wkoll il-kumpanija prinċipali ta' Volga Dnepr Airlines LLC. Il-flotta ta' Volga Dnepr Group tikkonsisti minn 12-il ajruplan tat-tip Antonov An-124, ħames Boeing 747-8F u ħames IL-76TD-90VD (IV). Volga Dnepr Airlines LLC, għandha operazzjonijiet tal-ajru sinifikanti u tipprovdi servizzi tat-trasport f'setturi ta' sinifikat strateġiku għall-Gvern Russu, billi timporta minn pajjiżi terzi tagħmir elettroniku, tal-IT u tal-komunikazzjoni, lihuma rilevanti għall-isforzi tar-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Għar-rwol kruċjali tiegħu fl-appoġġ tal-Federazzjoni Russa, Volga Dnepr Group irċieva sussidji ta' appoġġ mill-Gvern Russu. Għalhekk, Valery Gabriel qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed jibbenifika minnu.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1779.	Marina Veniaminovna GARTUNG magħrufa woll bħala Marina HARTUNG (Марина Вениаминовна ГАРТУНГ)	Funzjoni: Azzjonista maġġoritarjata' PJSC CHKPZ; sid ta' LLC Robort Plant; sid ta' LLC Hartung Data tat-twelid: 26.12.1961 Nazzjonalità: Russa Sess: mara Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 744800870894	Marina Gartung hija azzjonista maġġoritarjatal-Public Joint Stock Company 'Chelyabinsk Forge and Press Plant' (PJSC CHKPZ), waħda mill-intrapriżi ewlenin tar-Russja fl-intrapriżi ewlenin tar-Russja fl-industriji tal-bini tal-makkinarju u tal-tal-ifforġar. L-attivitajiet ta' PJSC CHKPZ huma f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul għall-Federazzjoni Russa. Fl-2012, PJSC CHKPZ daħlet fl-Assoċjazzjoni tal-Intrapriżi tal-Kumpless Militari-Industrijali tar-Reġjun ta' Chelyabinsk. Taħt l-ordni tad-difiża tal-istat, il-kumpanija tipproduċi projettili għall-munizzjon tal-artillerija maħsuba għall-użufil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russa kontra l-Ukrajna. Peress li hija l-azzjonista maġġoritarja ta' PJSC CHKPZ, Marina Gartung hija responsabbli għall-azzjonijiet tagħha u għalhekk qed tappoġġa, materjalment u finanzjarjament, lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, hija assoċjata ma' żewġha Valery Karlovich Gartung u ma' binha Andrey Valerievich Gartung.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1780.	Andrey Valerievich GARTUNG (Андрей Валерьевич ГАРТУНГ)	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' PJSC 'CHKPZ' Data tat-twelid: 11.7.1982 Post tat-twelid: Chelyabinsk, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 744805045750	Andrey Gartung huwa d-Direttur Ġenerali ta' Public Joint Stock Company 'Chelyabinsk Forge and Press Plant' (PJSC CHKPZ), waħda mill-intrapriżi ewlenin tar-Russja fl-industriji tal-bini tal-makkinarju u tal-ifforġar. L-attivitajiet ta' PJSC CHKPZ huma f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul għall-Federazzjoni Russa. Fl-2012, PJSC CHKPZ daħlet fl-Assoċjazzjoni tal-Intrapriżi tal-Kumpless Militari-Industrijali tar-Reġjun ta' Chelyabinsk. Taħt l-ordni tad-difiża tal-istat, hija tipproduċi projettili għall-munizzjon tal-artillerija maħsuba għall-użufil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Peress li huwa d-Direttur Ġenerali ta' PJSC CHKPZ, Andrey Gartung huwa responsabbli għall-azzjonijiet tagħha u għalhekk qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1781.	Vadim Alexandrovich SARDANOV (Вадим Александрович САРДАНОВ)	Funzjoni: Direttur Ġenerali temporanju ta' JSC '103 Armored Repair Plant' Data tat-twelid: 14.12.1975 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 752404428886	Vadim Sardanov huwa d-Direttur Ġenerali temporanju ta' Joint Stock Company (JSC) 103 Armoured Repair Plant, kumpanija speċjalizzata l-aktar fit-tiswija u l-manutenzjoni ta' tankijiet u ta' vetturi blindati. Din hija l-akbar intrapriża ta' tiswija u modernizzazzjoni tal-vetturi blindati fil-Lvant Imbiegħed Russu, li tinsab fir-raħal ta' Atamanovka fit-Territorju Transbaikal. L-impjant irċieva ordni tal-gvern għat-tiswija u l-modernizzazzjoni ta' 800 tank għat-tliet snin li ġejjin. L-uffiċjali tal-gvern faħħru l-ħidma tal-impjant għat-tħejjija ta' tankijiet T-62 li tneħħew mill-ħżin għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, fil-kapaċità tiegħu bħala Direttur Ġenerali ta' OJSC JSC 103 Armoured Repair Plant, Vadim Sardanov qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1782.	Vildan Khanifovich ZINUROV (Вильдан Ханифович ЗИНУРОВ)	Funzjoni: Azzjonist kokontrollanti tal-Volga Dnepr Group Data tat-twelid: 30.1.1964 Post tat-twelid: Distrett ta' Pokhvistnevsky, reġjun ta' Samara, eks USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 732500186500 Numri tal-passaport: 7308664347, 7303853009	Vildan Zinurov huwa wieħed mill-azzjonisti kokontrollanti (b'sehem ta' 25 %) tal-Volga Dnepr Group, kumpanija azzjonarja ewlenija Russa tat-trasport bl-ajru, li tispeċjalizza fit-trasport ta' merkanzija tqila permezz ta' charters domestiċi u internazzjonali u operazzjonijiet skedati. Sa mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Volga Dnepr Group kellu rwol kruċjali fil-manutenzjoni tal-kumpless militari-industrijali tar-Russja u fil-provvista ta' servizzi tat-trasport bl-ajru għal finijiet militari Russi. Il-Volga Dnepr Group huwa wkoll il-kumpanija prinċipali ta' Volga Dnepr Airlines LLC. Il-Volga Dnepr Goup tikkonsisti minn 12-il ajruplan tat-tip Antonov An 124, ħames Boeing 747-8F u ħames IL-76TD-90VD (IV). Volga Dnepr Airlines LLC, għandha operazzjonijiet tal-ajru sinifikantiu tipprovdi servizzi tat-trasport f'setturi ta' sinifikat strateġiku għall-Gvern Russu, billi timporta minn pajjiżi terzi tagħmir elettroniku, tal-IT u tal-komunikazzjoni, li huma rilevanti għall-isforzi tar-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Għar-rwol kruċjali tiegħu fl-appoġġ tal-Federazzjoni Russa, Volga Dnepr Group irċieva sussidji ta' appoġġ mill-Gvern Russu. Għalhekk, Vildan Zinurov qed jappoġġa materjalment u qed jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1783.	Igor Vladimirovich KOSTIN (Игорь Владимирович КОСТИН)	Funzjoni: Imħallef tal-Qorti Militari Distrettwali tan-Nofsinhar tal-Federazzjoni Russa Data tat-twelid: 23.8.1982 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Igor Kostin huwa mħallef tal-Qorti Distrettwali Militari tan-Nofsinhar tal-Federazzjoni Russa. Fil-pożizzjoni tiegħu, ħa diversi deċiżjonijiet b'motivazzjoni politika kontra avversarji tal-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol, kif ukoll deċiżjonijiet abbażi ta' raġunijiet reliġjużi. B'mod partikolari, Igor Kostin mexxa l-prosekuzzjoni kontradiversi membri tal-komunità tat-Tartari tal-Krimea, bħal Seytumer Seytumerov, Osman Seytumerov, Rustem Seytmemetov, u Amet Suleimanov, kif ukoll priġunieri politiċi oħra. Għalhekk huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1784.	Aleksandr Aleksandrovich MORDOVIN (Александр Александрович МОРДОВИН)	Funzjoni: Imħallef tal-Qorti tal-Appell Militari tal-Federazzjoni Russa Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Aleksandr Mordovin huwa mħallef tal-Qorti tal-Appell Militari tal-Federazzjoni Russa. Fil-pożizzjoni tiegħu, ħa diversi deċiżjonijiet b'motivazzjoni politika kontra avversarji tal-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol, kif ukoll deċiżjonijiet abbażi ta' raġunijiet reliġjużi. B'mod partikolari, Aleksandr Mordovin mexxa l-prosekuzzjoni kontra Osman Arifmemetov, Amet Suleimanov, u priġunieri politiċi oħra. Għalhekk huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1785.	Oleg Aleksandrovich YEGOROV magħruf ukoll bħala Oleg Aleksandrovich EGOROV (Олег Александрович ЕГОРОВ)	Funzjoni: Imħallef tal-Qorti tal-Appell Militari tal-Federazzjoni Russa Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Oleg Egorov huwa Mħallef tal-Qorti tal-Appell Militari tal-Federazzjoni Russa. Fil-pożizzjoni tiegħu, ħa diversi deċiżjonijiet b'motivazzjoni politika kontra avversarji tal-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol, kif ukoll deċiżjonijiet abbażi ta' raġunijiet reliġjużi. B'mod partikolari, Oleg Egorov mexxa l-prosekuzzjoni kontra Rustem Seytmemetov, Osman Seytumerov, Seytumer Seytumerov u priġunieri politiċi oħra. Għalhekk huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1746/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1786.	Igor Vladimirovich NADOLINSKIY (Игорь Владимирович НАДОЛИНСКИЙ)	Funzjoni: Imħallef tal-Qorti Distrettwali Militari tan-Nofsinhar tal-Federazzjoni Russa. Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Igor Nadolinskiy huwa mħallef tal-Qorti Distrettwali Militari tan-Nofsinhar tal-Federazzjoni Russa. Fil-pożizzjoni tiegħu, huwa mexxa l-prosekuzzjoni kontra diversi membri tal-komunità tat-Tartari tal-Krimea, bħal Emil Ziyadinov, kif ukoll priġunieri politiċi oħra. Għalhekk huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1787.	Vadim Nikolaevich MERKULOV (Вадим Николаевич МЕРКУЛОВ)	Funzjoni: Kap tal-Unità Esperta tas-Servizz tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa għall-Krimea u Sevastopol Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Vadim Merkulov huwa l-Kap tal-Unità Esperta tas-Servizz Federali tas-Sigurtà (FSB) tal-Federazzjoni Russa għall- Krimea Sevastopol. Fil-pożizzjoni tiegħu, huwa mexxa l-prosekuzzjoni kontra Amet Suleymanov, membru tal-komunità tat-Tartari tal-Krimea, u priġunieri politiċi oħra tal-Krimea. Għalhekk huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1788.	Sergey Vyacheslavovich VINNIK (Сергей Вячеславович ВИННИК)	Funzjoni: Imħallef tal-Qorti tal-Appell Militari tal-Federazzjoni Russa Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Sergey Vinnik huwa mħallef tal-Qorti tal-Appell Militari tal-Federazzjoni Russa. Fil-pożizzjoni tiegħu, huwa mexxa l-prosekuzzjoni kontra diversi membri tal-komunità tat-Tartari tal-Krimea, bħal Tymur Ibrahimov u Seyran Saliyev, kif ukoll priġunieri politiċi oħra tal-Krimea. Għalhekk huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1789.	Anna Yurevna LUZHANSKAYA magħrufa wkoll bħala Anna Yuryevna LUZHANSKAYA magħrufa wkoll bħala Anna Yurievna LUZHANSKAYA (Анна Юрьевна ЛУЖАНСКАЯ)	Funzjoni: Fundatriċi ta' LLC TC 'Fly Bridge' Data tat-twelid: 3.6.1983 Nazzjonalità: Russa Sess: mara Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 773770174460	Anna Luzhanskaya hija l-fundatriċi tal- Limited Liability Company Technology Company 'Fly Bridge' (LLC TC Fly Bridge), importatriċital-elettronika.. Bis-saħħa ta' skema loġistika stabbilita, il-kumpanija twassal oġġetti sanzjonati (mikroċipep) minn barra l-pajjiż lejn il-kumpless militari-industrijali Russu li jimmanifattura tagħmir użat fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fid-dawl tas-sanzjonijiet tal-Punent, il-Gvern Russu pprovda appoġġ sostanzjali lill-kumpaniji Russi kollha involuti fl-industrija tal-mikroelettronika, li hija ta' importanza strateġika għall-isforzi tar-Russja fil-gwerra. Peress li hija l-fundatriċi ta' LLC TC Fly Bridge, Anna Luzhanskaya hija responsabbli għall-azzjonijiet tagħha u għalhekk qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed tfixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK u r-Regolament (UE) Nru 833/2014.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1790.	Vyacheslav Rafaelevich MANUCHAROV (Вячеслав Рафаэлевич МАНУЧАРОВ)	Funzjoni: Preżentatur tat-TV Russa, blogger, attur teatrali u ċinematografiku. Data tat-twelid: 6.10.1981 Post tat-twelid: Moscow, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Vyacheslav Manucharov huwa preżentatur tat-TV Russa, blogger u attur. Huwa l-ospitant ta' programm msejjaħ 'Empatiya Manuchi'. Vyacheslav Manucharov jiġġustifika kontinwament l-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u d-dikjarazzjonijiet pubbliċi tiegħu dwar l-Ukrajna jikkorrispondu għar-retorika tal-uffiċjali u l-propagandisti tar-Russja. Fl-2023 il-Ministeru għad-Difiża Russu tah il-medalja 'għal kisbiet fil-ħidma militari-politika'. Permezz tal-programme 'Empatiya Manuchi', huwa jxerred narrattivi skont il-propaganda tal-Kremlin. Manucharov kien rappreżentant fdat tal-President Vladimir Putin fl-2018 u l-2024 fl-elezzjonijiet presidenzjali tal-Federazzjoni Russa u żar diversi drabi r-reġjuni okkupati illegalment fl-Ukrajna biex ixerred il-propaganda tal-Kremlin. Għalhekk, Vyacheslav Manucharov qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1791.	Aimani Nesievna KADYROVA (Аймани Несиевна КАДЫРОВА)	Funzjoni: President tar-Regional Public Fondation named after the hero of Russia Akhmat Kadyrov Nazzjonalità: Russa Data tat-twelid: 4.8.1953 Post tat-twelid: Kurgamys village, Sherbakty district, Pavlodar region (illum Kazakhstan) Sess: mara Indirizz: Chechen Republic, Gudermes Kommunisticheskaya str. 9 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 200602168574	Aimani Kadyrova hija l-President tal-Fondazzjoni Kadyrov. Il-Kadyrov Foundation twettaq programmi ta' riedukazzjoni għat-tfal u l-adolexxenti Ukreni, u tissuġġettahom għal taħriġ militaristiku bl-intenzjoni li dawn jiġu aljenati minn pajjiżhom u minn qrabathom. Barra minn hekk, il-Kadyrov Foundation tipprovdi inċentivi finanzjarji lill-familji tal-ġellieda Ċeċeni involuti fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna biex jattiraw voluntiera ġodda u jżommu motivati dawk li diġà qed jiġġieldu. Sa mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni, il-Kadyrov Foundation ipprovdiet ikel u tagħmir tekniku lill-ġellieda Russi u separatisti fl-Ukrajna. Għalhekk, fil-pożizzjoni tagħha, Aimani Nesievna Kadyrova qed tappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, qed twettaq tranżazzjonijiet mal-gruppi separatisti fir-reġjun ta' Donbas tal-Ukrajna u hija assoċjata ma' Ramzan Akhmadovitch Kadyrov.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1792.	Ivan Sergeevich KUSOV (bir-Russu: Иван Сергеевич КУСОВ bl-Ukren: Іван Сергійович КУСОВ)	Funzjoni: Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza tal-hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk. Nazzjonalità: Ukrena Data tat-twelid: 24.1.1987 Post tat-twelid: City of Semipalatinsk, Kazakh SSR (illum Semey, Kazakhstan) Sess: raġel	Ivan Kusov huwa l-Ministru għall-Edukazzjoni,u x-Xjenza tal-hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk. Huwa involut fil-ħtif ta' tfal u jappoġġa b'mod attiv ir-riedukazzjoni tat-tfal Ukreni bl-intenzjoni li dawn jiġu aljenati mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom u mill-qraba tagħhom. Għalhekk, Ivan Kusov qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1793.	Dmitriy Fedorovich MEZENTSEV (Дмитрий Федорович МЕЗЕНЦЕВ)	Funzjoni: Segretarju tal-Istat tal-Unjoni tal-Istat tar-Russja u l-Belarussja Nazzjonalità: Russa Data tat-twelid: 18.8.1959 Post tat-twelid: Leningrad, USSR, (illum St. Petersburg, Russian Federation) Sess: raġel Post suspettat: Moscow, Russian Federation Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 770302996102	Dmitriy Mezentsev huwa s-Segretarju tal-Istat tal-Unjoni tar-Russja u tal-Belarussja. F'dan ir-rwol, Mezentsev qed jikkontribwixxi għad-deportazzjoni u l-adozzjoni illegali ta' tfal Ukreni. Qed jiffaċilita d-deportazzjoni illegali lejn il-Belarussja u r-riedukazzjoni tat-tfal Ukreni. L-attivitajiet imwettqa minn Mezentsev huma parti minn strateġija usa' tal-Federazzjoni Russa għad-deportazzjoni illegali taċ-ċittadini Ukreni, li r-Repubblika tal-Belarussja hija kompliċi fiha. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, ir-Russja ttrasferiet ħafna persuni ċivili Ukreni lejn żoni okkupati mir-Russja, lejn ir-Russja nnifisha u lejn il-Belarussja filwaqt li spiss ċaħdet jew waqqfet lil dawk il-persuni ċivili milli jkollhom passaġġ sikur lejn partijiet tal-Ukrajna li huma taħt il-kontroll tal-gvern. Mezentsev huwa wieħed mill-mexxejja għolja involuti fid-deportazzjoni u l-ħtif bil-forza ta' tfal Ukreni lejn il-Belarussja. L-azzjonijiet ta' Mezentsev jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru d-dritt u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna. Għalhekk, Dmitriy Mezentsev qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1794.	Alexander Sergeevich LUKYANOV magħrufa wkoll bħala Alyaksandr Syargeevich LUKYANAŬ (bir-Russu: Александр Сергеевич ЛУКЬЯНОВ bil-Belarussu: Аляксандр Сяргеевіч ЛУК'ЯНАЎ)	Funzjoni: L-ewwel Segretarju tal-Kumitat Ċentrali tal-Belarusian Republican Youth Union Nazzjonalità: Belarussa Data tat-twelid: 10.6.1989 Post tat-twelid: Mogilev, USSR (illum Belarus) Sess: raġel Post suspettat: Belarus	Aleksandr Lukyanov huwa l-Ewwel Segretarju ta' Central Committee of the Belarusian Republican Youth Union. F'dan ir-rwol, Lukyanov qed jikkontribwixxi għad-deportazzjoni u r-riedukazzjoni illegali ta' tfal Ukreni. Qed jiffaċilita r-riedukazzjoni illegali tat-tfal Ukreni fit-territorju tal-Belarussja. L-attivitajiet imwettqa minn Lukyanov jagħmlu parti minn strateġija usa' tal-Federazzjoni Russa għad-deportazzjoni illegali taċ-ċittadini Ukreni, li r-Repubblika tal-Belarussja hija kompliċi fiha. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, ir-Russja ttrasferiet ħafna persuni ċivili Ukreni lejn żoni okkupati mir-Russja jew lejn ir-Russja nnifisha filwaqt li spiss ċaħdet jew waqqfet lil dawk il-persuni ċivili milli jkollhom passaġġ sikur lejn partijiet tal-Ukrajna li huma taħt il-kontroll tal-gvern. L-azzjonijiet ta' Lukyanov jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru d-dritt u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna. Għalhekk, Aleksandr Lukyanov qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1795.	Maria Aleksandrovna KISELYOVA magħrufa wkoll bħala Maria Aleksandrovna KISELEVA (Мария Александровна КИСЕЛЁВА)	Funzjoni: Deputat tad-Duma tal-Belt ta' Moska, preżentatriċi tat-TV, eks atleta. Data tat-twelid: 28.9.1974 Post tat-twelid: Kuybyshev, USSR), (illum Samara, Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: mara Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772802341806	Maria Kiselyova hija Deputat tad-Duma tal-Belt ta' Moska. Involuta b'mod attiv fl-azzjonijiet ta' propaganda tal-moviment All-Russia People's Front. Hija tkelmet pubblikament favur kampanja tal-People's Front biex jitwassal tagħmir lill-militar Russu għall-użu fil-gwerra ta' aggressjoni tiegħu kontra l-Ukrajna. Fir-reġjun ta' Oryol, ippreżentat premjijiet liċ-ċittadini li pprovdew appoġġ lill-militar Russu għall-użu f'dik il-gwerra. Fid-dikjarazzjonijiet pubbliċi tagħha, hija ġġustifikat b'mod konsistenti l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u appellat għal rebħa. Żaret ukoll it-territorji okkupati tal-Ukrajna. Bħala deputat tad-Duma tal-Belt ta' Moska, hija appoġġat l-espansjoni tal-appoġġ soċjali għall-familji ta' suldati Russi involuti fil-gwerra ta' aggressjoni . Għalhekk, Maria Kiselyova qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, hija assoċjata ma' All-Russia People' s Front	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1796.	Elena Aleksandrovna KULIKOVA (Елена Александровна КУЛИКОВА)	Funzjoni: Direttur Ġenerali u fundatriċi ta' LLC Inkotech Data tat-twelid: 24.6.1983 Nazzjonalità: Russa Sess: mara Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 781425184469	Elena Kulikova hija d-Direttur Ġenerali u l-fundatriċi ta' LLC Inkotech. LLC Inkotech huwa fornitur t Russu ta' komponenti elettroniċi importati u bordijiet ta' ċirkwiti stampati ta' diversi livelli. Il-kumpanija twassal prodotti bħal komponenti tas-semikondutturi u l-mikromewġ minn barra l-pajjiż lill-akbar intrapriżi tal-kumpless militari industrijali Russu li jimmanifatturaw tagħmir użat fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Billi kienet id-Direttur Ġenerali u l-fundatriċi ta' LLC Inkotech, Elena Kulikova qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1797.	Andrei Evgenyevich KLYCHKOV (Андрей Евгеньевич КЛЫЧКОВ)	Funzjoni: Gvernatur ta' Oryol Oblast Data tat-twelid: 2.9.1979 Post tat-twelid: Kaliningrad, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 390406666037	Andrey Klychkov huwa l-Gvernatur tal-Oblast ta' Oryol. Fir-rwol tiegħu bħala Gvernatur, huwa involut fid-deportazzjoni illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja. Żar personalment kampijiet fir-Russja li fihom intbagħtu tfal Ukreni u ħareġ struzzjonijiet biex it-tfal jingħataw ċittadinanza Russa. Dawk l-azzjonijiet jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru d-dritt u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna. Għalhekk, Andrei Klychkov qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1798.	Lyudmila Sergeevna BOLATAEVA (Людмила Сергеевна БОЛАТАЕВА)	Funzjoni: Ministru għall-Iżvilupp Soċjali tal-Oblast ta' Moska Data tat-twelid: 30.1.1957 Post tat-twelid: Moscow, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: mara Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772373111279	Lyudmila Bolataeva hija l-Ministru għall-Iżvilupp Soċjali tal-Oblast ta' Moska. Fir-rwol tagħha, hija kienet involuta fl-organizzazzjoni tad-deportazzjoni ta' tfal minn territorji okkupati Ukreni lejn ir-Russja. Dawk l-azzjonijiet jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru d-dritt u l-ordni amministrattiva tal-Ukrajna. Għalhekk, Lyudmila Bolataeva qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1799.	Elena Igorevna MILSKAYA (Елена Игоревна МИЛЬСКАЯ)	Funzjoni: President tal-Bord tal-Fiduċjarji, National Center for Missing and Affected Children, magħruf ukoll bħala National Monitoring Center for Missing and Injured Children; President tal-Archangel of God Michael Foundation; Membru tal-Joint Expert Council of the Presidential Grants Fund; Membru tas-Scientific Expert Panel of the Federation Council Commission on the Family Code Improvement; eks CEO ta' St. Basil the Great Foundation; personaġġ pubbliku; negozjant Data tat-twelid: 20.12.1980 Nazzjonalità: Russa Sess: Mara	Elena Milskaya hija personaġġ pubbliku Russu u negozjant, marbuta mill-qrib mal-awtoritajiet Russi. L-attività ewlenija tagħha hija relatata mal-faċilitazzjoni tad-deportazzjoni furzata ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja. Hija s-CEO jew fundatriċi ta' diversi organizzazzjonijiet mhux governattivi li jirċievu finanzjament mill-gvern. Hija tappoġġa pubblikament lill-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u lill-politiki tar-Russja li jiksru l-integrità territorjali tal-Ukrajna, inkluż billi torganizza proġetti fit-territorju tal-Krimea okkupata. Barra minn hekk, hija marbuta mal-elit tan-negozju ta' Putin, peress li l-kumpaniji tagħhom jirċievu finanzjament sinifikanti. mill-gvern. Għaldaqstant, Elena Milskaya hija responsabbli li b'mod attiv tappoġġa jew timplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, hija tappoġġa materjalment lil persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fir-Russja li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna, u tibbenefika minnhom, u qed tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1800.	Alexander Vyacheslavovich VOIT (Александр Вячеславович ВОЙТ)	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC 'Ulyanovsk Instrument Design Bureau' Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexander Voit huwa d-Direttur Ġenerali ta' Joint Stock Company 'Ulyanovsk Instrument Design Bureau' (JSC UKBP), żviluppatur ewlieni Russu u manifattur ta' tagħmir elettroniku li jinġarr abbord għall-inġenji tal-ajru u l-ħelikopters, sistemi ta' kontroll awtomatiku għall-idroenerġija, komponenti awtomobilistiċi u tagħmir mediku. JSC UKBP tipproduċi unitajiet BFNI-1 għall-ħelikopters Mi-8, u unitajiet għal bombers strateġiċi modernizzati Tu-160M. Kemm il-ħelikopters Mi-8 kif ukoll il-bombers strateġiċi Tu-160 jintużaw mill-armata Russa matul il-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, il-komponenti prodotti minn JSC UKBP jiġu installati fuq ajruplani u ħelikopters tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Bħala Direttur Ġenerali ta' JSC UKBP, Alexander Voit qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1801.	Igor Alexeyevich ALTUSHKIN (Игорь Алексеевич АЛТУШКИН)	Funzjoni: Oligarka Russu, fundatur tar-Russian Copper Company Data tat-twelid: 10.9.1970 Post tat-twelid: Sverdlosk, USSR (illum Ekaterinburg, Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Igor Altushkin huwa oligarka Russu u l-fundatur tar-Russian Copper Company. Il-kumpanija hija waħda mit-tliet produtturi ewlenin tar-ram fir-Russja, u r-ram huwa settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Igor Altushkin jappoġġa finanzjarjament unità militari Russa li qed tiġġieled fl-Ukrajna. Igor Altushkin qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Bħala fundatur tar-Russian Copper Company, huwa wkoll involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1802.	Rodion Valeryevich MIROSHNIK (Родион Валерьевич МИРОШНИК)	Funzjoni: Ambaxxatur tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Russu b'missjoni straordinarja 'dwar id-delitti tar-reġim ta' Kiev'; eks 'Ambaxxatur straordinarju u plenipotenzjarju' tal-hekk imsejħa -'Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk' għall-Federazzjoni Russa (minn Mejju sa Novembru 2022) Data tat-twelid: 31.1.1974 Post tat-twelid: Voroshilovgrad, Ukrainian SSR (illum Luhansk, Ukraine) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Bejn l-2014 u l-2022, Rodion Miroshnik kien politiku tal-hekk imsejħa-'Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk'. Mill-annessjoni tal-hekk imsejħa 'repubbliki' mir-Russja, Rodion Miroshnik għandu l-pożizzjoni bħala 'Ambaxxatur b'missjoni straordinarja dwar id-delitti tar-reġim ta' Kiev' fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Russu. Skont il-pożizzjoni l-ġdida tiegħu, issa huwa responsabbli biex jinvestiga d-'delitti' li allegatament twettqu mill-awtoritajiet Ukreni u biex jinforma lill-media u lill-komunità internazzjonali dwarhom. Bħala Ambaxxatur b'missjoni straordinarja, Rodion Miroshnik ta' spiss jesprimi ruħu fil-media Russa u jospita programm tar-radju. Għaldaqstant, qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1803.	Ibrahim Mahomedovich ACHMATOV (Ибрагим Магомедович АХМАТОВ)	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC Kizlyar Electromechanical Plant Data tat-twelid: 1948 Post tat-twelid: village of Machada, Dagestan USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Ibrahim Achmatov huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC Kizlyar Electromechanical Plant; kumpanija tal-industrija militari Russa. L-impjant jispeċjalizza fl-iżvilupp u l-manifattura tas-sistemi ta' kontroll fuq l-art u dijanjostiċi tal-inġenji tal-ajru, u l-produzzjoni ta' aċċessorji u tagħmir abbord. Il-kumpanija tipproduċi DZ-UM lock għall-inġenji tal-ajru tal-ġlied SU-25, li jintużaw mill-forzi militari Russi biex jattakkaw lill-Ukrajna. JSC Kizlyar Electromechanical Plant tissodisfa l-ordnijiet tad-difiża tal-istat tar-Russja. Bħala d-Direttur Ġenerali ta' JSC Kizlyar Electromechanical Plant, Ibrahim Achmatov qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	24.6.2024

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1746/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1804.	Viktor Stepanovich SILIVAKIN (Виктор Степанович СИЛИВАКИН)	Funzjoni: Direttur Eżekuttiv ta' OJSC Barnaultransmash Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Viktor Silivakin huwa d-Direttur Eżekuttiv ta' Open Joint Stock Company (OJSC) Barnaultransmash, kumpanija tal-industrija militari Russa li timmanifattura magni diżil għal vetturi militari u li tforni lill-Forzi Armati Russi. Il-kumpanija fasslet u tipproduċi magna l-diżil UTD-29, li tintuża prinċipalment bħala sistema ta' propulsjoni għall-vettura għall-ġlied tal-infanterija BMP-3. Dawk il-vetturi huma l-vetturi għall-ġlied tal-infanterija ewlenin fl-Armata Russa u kellhom rwol kruċjali fl-invażjoni tal-Ukrajna. Huma jintużaw fuq quddiem f'kull azzjoni ta' ġlied. Bħala d-Direttur Eżekuttiv, Viktor Stepanovich Silivakin jissorvelja u jikkontrolla l-produzzjoni minnOJSC Barnaultransmash. Għalhekk, fir-rwol tiegħu, Viktor Silivakin qed jappoġġa, materjalment jew finanzjarjament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, jew jibbenefika minnu.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1805.	Vladlen Mausyrovich SHORIN (Владлен Маусырович ШОРИН)	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC RT-Techpriemka Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Vladlen Shorin huwa d-Direttur Ġenerali ta' Joint Stock Company (JSC) RT-Techpriemka; kumpanija tal-industrija militari Russa. Skont il-ftehim mal-Ministeru għad-Difiża Russu, il-kumpanija tipprovdi servizzi ta' ċertifikazzjoni għal komponenti apposta lill-kumpaniji tal-industrija militari. Barra minn hekk, JSC RT-Techpriemka tipproduċi liegi tal-metall (bħat-tip VNS9-Sh) għall-kumpaniji li jipproduċu l-helikopters Mi-26, Mi-28 u Ka-52. Il-ħelikopters Mi-26, Mi-28 u Ka-52 jintużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Bħala d-Direttur Ġenerali ta'JSC RT Techpriemka , Vladlen Shorin qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	24.6.2024

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1746/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1806.	Taymuraz Kazbekovich BOLLOYEV (Таймураз Казбекович БОЛЛОЕВ)	Funzjoni: Negozjant; CEO ta' Baltica Nazzjonalità: Russa Data tat-twelid: 28.2.1953 Sess: raġel	Taymuraz Bolloyev huwa negozjant Russu li huwa assoċjat mill-qrib ma' persuni Russi ewlenin li jieħdu d-deċiżjonijiet. F'Lulju 2023, l-entità Ewropea Carlsberg A/S kienet soġġetta għal sekwestru tal-assi ordnat b'Digriet Presidenzjali. Baltica, li qabel kienet sussidjarja ta' Carlsberg fir-Russja, ġiet ittrasferita lill-Aġenzija Federali għall-Ġestjoni tal-Proprjetà tal-Istat (Rosimushchestvo). Bolloyez inħatar sussegwentement bħala President tal-entità sekwestrata Baltica mingħajr il-kunsens ta' Carlsberg A/S. Bolloyev b'hekk inħatar fil-korpi governattivi ta' entità stabbilita fir-Russja, li preċedentement kient ta' proprjetà ta' entitajiet stabbiliti fl-Unjoni jew ikkontrollata minnhom, u dan mingħajr il-kunsens tal-entitajiet tal-Unjoni li kienu s-sidien jew kienu jikkontrollawhom.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1807.	Roman Viktorovich TROTSENKO (Роман Викторович ТРОЦЕНКО)	Funzjoni: Imprenditur Russu, konsulent għall-President tal-kumpanija tal-Istat Rosneft Igor Sechin; fundatur u koproprjetarju tal-kumpanija ta' investiment AEON Corporation. Direttur ta' Geopromining Investment (CYP) Limited. Nazzjonalità: Russa Data tat-twelid: 9.12.1970 Post tat-twelid: Moscow, USSR (illum Russian Federation) Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 771500884353/ 771500884353	Roman Trotsenko huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja, b'interessi kummerċjali f'kumpaniji tal-minerali tal-ħadid u tal-azzar, tal-faħam, tal-infrastruttura u tal-enerġija. Roman Trotsenko huwa konsulent għall-President tal-kumpanija tal-Istat Rosneft Igor SechinHuwa l-fundatur u l-koproprjetarju tal-kumpanija ta' Investiment AEON Corporation u d-Direttur ta' Geopromining Investment (CYP) Limited. In-negozji kkontrollati minn Roman Trotsenko, bħal Vorkutagol JSC, jaħdmu f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għaldaqstant, fir-rwol tiegħu, Roman Trotsenko qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1808.	Polina Sergeevna GAGARINA (Полина Сергеевна ГАГАРИНА)	Funzjoni: Kantanta, attriċi, awtriċi ta' kanzunetti, mudella Data tat-twelid: 27.3.1987 Post tat-twelid: Moscow USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: mara Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 770701954175 / 311774631801199	Polina Gagarina hija kantanta, attriċi, awtriċi ta' kanzunetti u mudella Russa. Polina Gagarina tagħti spettakli regolarment fil-qafas tal-avvenimenti ta' propaganda tal-Istat, pereżempju għaċ-ċelebrazzjoni tal-annessjoni illegali ta' erba' reġjuni Ukreni jew l-anniversarju tal-annessjoni tal-Krimea. Għalhekk hija tappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Minn meta bdiet il-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, Polina Gagarina setgħet tiġġenera dħul sinifikanti permezz tal-parteċipazzjoni frekwenti tagħha f'avvenimenti u programmi ta' propaganda sponsorjati mill-Istat. Hija għalhekk tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1809.	Konstantin Aleksandrovich MIKHAILIK (Константин Александрович МИХАЙЛИК)	Funzjoni: Viċi Ministru għall-Kostruzzjoni, l-Akkomodazzjoni u l-Utilitajiet tal-Federazzjoni Russa, inkarigat mid-Dipartiment għall-Iżvilupp Diġitali Data tat-twelid: 18.7.1983 Post tat-twelid: Lesozavodsk, Primorsky Krai, USSR (illun Russian Federation)	Konstantin Mikhailik huwa l-Viċi Ministru għall-Kostruzzjoni, l-Akkomodazzjoni u l-Utilitajiet tal-Federazzjoni Russa, inkarigat mid-Dipartiment għall-Iżvilupp Diġitali. Huwa inkarigat mill-implimentazzjoni tal-politika tal-Ministeru għall-Kostruzzjoni fir-reġjuni annessi ta' Donetsk, Luhansk, Zaporizhzhia u Kherson. Is-sussidji mill-baġit federali tal-Gvern Russu jgħaddu mill-Ministeru għall-Kostruzzjoni sabiex jissaħħaħ 'l-iżvilupp mill-ġdid' tar-reġjuni Ukreni li bħalissa jinsabu taħt il-kontroll Russu. Fil-pożizzjoni tiegħu, ta' Viċi Ministru, Konstantin Mikhailik qed jimplimenta politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1810.	Aleksey Vasilevich ERESKO (Алексей Васильевич ЕРЕСЬКО)	Funzjoni: Viċi Ministru għall-Kostruzzjoni, l-Akkomodazzjoni u l-Utilitajiet tal-Federazzjoni Russa, inkarigat mid-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni u s-Servizzi Komunali u mid-Dipartiment għall-Proġetti Strateġiċi Data tat-twelid: 26.12.1973 Post tat-twelid: Dimitrov, Ukrainian SSR (illum Ukraine) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Aleksey Eresko huwa l-Viċi Ministru għall-Kostruzzjoni, l-Akkomodazzjoni u l-Utilitajiet tal-Federazzjoni Russa, inkarigat mid-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni u s-Servizzi Komunali u d-Dipartiment għall-Proġetti Strateġiċi. Huwa inkarigat mill-implimentazzjoni tal-politika tal-Ministeru għall-Kostruzzjoni fir-reġjuni annessi ta' Donetsk, Luhansk, Zaporizhzhia u Kherson. Is-sussidji mill-baġit federali tal-Gvern Russu jgħaddu mill-Ministeru għall-Kostruzzjoni sabiex jissaħħaħ 'l-iżvilupp mill-ġdid' tar-reġjuni Ukreni li bħalissa jinsabu taħt il-kontroll Russu. Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi Ministru, Aleksey Eresko qed jimplimenta politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1811.	Yuriy Sergeevich GORDEEV (Юрий Сергеевич ГОРДЕЕВ)	Funzjoni: Viċi Ministru għall-Kostruzzjoni, l-Akkomodazzjoni u l-Utilitajiet tal-Federazzjoni Russa, inkarigat mid-Dipartiment għall-Finanzi u r-Relazzjonijiet Patrimonjali u mid-Dipartiment għall-Investimenti Kapitali Data tat-twelid: 20.5.1982 Post tat-twelid: Tomsk, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Yuriy Gordeev huwa l-Viċi Ministru għall-Kostruzzjoni, l-Akkomodazzjoni u l-Utilitajiet tal-Federazzjoni Russa, inkarigat mid-Dipartiment għall-Finanzi u r-Relazzjonijiet Patrimonjali u mid-Dipartiment għall-Investimenti Kapitali. Huwa inkarigat mill-implimentazzjoni tal-politika tal-Ministeru għall-Kostruzzjoni fir-reġjuni annessi ta' Donetsk, Luhansk, Zaporizhzhia u Kherson. Is-sussidji mill-baġit federali tal-Gvern Russu jgħaddu mill-Ministeru għall-Kostruzzjoni sabiex jissaħħaħ 'l-iżvilupp mill-ġdid' tar-reġjuni Ukreni li bħalissa jinsabu taħt il-kontroll Russu. Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi Ministru, Yuriy Gordeev qed jimplimenta politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1812.	Sergey Grigorievich MUZYCHENKO (Сергей Григорьевич МУЗЫЧЕНКО)	Funzjoni: Viċi Ministru għall-Kostruzzjoni, l-Akkomodazzjoni u l-Utilitajiet tal-Federazzjoni Russa, inkarigat mid-Dipartiment għall-Iffissar tal-Prezzijiet u l-Appoġġ għar-Riżorsi tal-Kostruzzjoni u mid-Dipartiment għall-Ippjanar Urban u l-Arkitettura Data tat-twelid: 1984 Post tat-twelid: Akhtubinks, Astrakhan Region, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Sergey Muzychenko huwa l-Viċi Ministru għall-Kostruzzjoni, l-Akkomodazzjoni u l-Utilitajiet tal-Federazzjoni Russa, inkarigat mid-Dipartiment għall-Iffissar tal-Prezzijiet u l-Appoġġ għar-Riżorsi tal-Kostruzzjoni u mid-Dipartiment għall-Ippjanar Urban u l-Arkitettura. Huwa inkarigat mill-implimentazzjoni tal-politika tal-Ministeru għall-Kostruzzjoni fir-reġjuni annessi ta' Donetsk, Luhansk, Zaporizhzhia u Kherson. Is-sussidji mill-baġit federali tal-Gvern Russu jgħaddu mill-Ministeru għall-Kostruzzjoni sabiex jissaħħaħ 'l-iżvilupp mill-ġdid' tar-reġjuni Ukreni li bħalissa jinsabu taħt il-kontroll Russu. Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi Ministru, Sergey Muzychenko qed jimplimenta politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1813.	Aleksandr Nikolaevich LOMAKIN (Александр Николаевич ЛОМАКИН)	Funzjoni: Viċi Ministru għall-Kostruzzjoni, l-Akkomodazzjoni u l-Utilitajiet tal-Federazzjoni Russa, inkarigat mid-Dipartiment għall-Inġenjerija Industrijali u Ċivili u mid-Dipartiment għall-Attivitajiet ta' Liċenzjar u l-Kooperazzjoni Interdipartimentali Data tat-twelid: 1978 Post tat-twelid: Moscow, URSS (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Aleksandr Lomakin huwa l-Viċi Ministru għall-Kostruzzjoni, l-Akkomodazzjoni u l-Utilitajiet tal-Federazzjoni Russa, inkarigat mid-Dipartiment għall-Inġenjerija Industrijali u Ċivili u mid-Dipartiment għall-Attivitajiet ta' Liċenzjar u l-Kooperazzjoni Interdipartimentali. Huwa inkarigat mill-implimentazzjoni tal-politika tal-Ministeru għall-Kostruzzjoni fir-reġjuni annessi ta' Donetsk, Luhansk, Zaporizhzhia u Kherson. Is-sussidji mill-baġit federali tal-Gvern Russu jgħaddu mill-Ministeru għall-Kostruzzjoni sabiex jissaħħaħ 'l-iżvilupp mill-ġdid' tar-reġjuni Ukreni li bħalissa jinsabu taħt il-kontroll Russu. Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi Ministru, Aleksandr Lomakin qed jimplimenta politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1814.	Yuriy Petrovich MUTSENEK (Юрий Петрович МУЦЕНЕК)	Funzjoni: Viċi Ministru għall-Kostruzzjoni, l-Akkomodazzjoni u l-Utilitajiet tal-Federazzjoni Russa, inkarigat mid-Dipartiment Amministrattiv u mid-Dipartiment Legali Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Yuriy Mutsenek huwa l-Viċi Ministru għall-Kostruzzjoni, l-Akkomodazzjoni u l-Utilitajiet tal-Federazzjoni Russa, inkarigat mid-Dipartiment Amministrattiv u mid-Dipartiment Legali. Huwa inkarigat mill-implimentazzjoni tal-politika tal-Ministeru għall-Kostruzzjoni fir-reġjuni annessi ta' Donetsk, Luhansk, Zaporizhzhia u Kherson. Is-sussidji mill-baġit federali tal-Gvern Russu jgħaddu mill-Ministeru għall-Kostruzzjoni sabiex jissaħħaħ 'l-iżvilupp mill-ġdid' tar-reġjuni Ukreni li bħalissa jinsabu taħt il-kontroll Russu. Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi Ministru, Yuriy Mutsenek qed jimplimenta politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1815.	Vadim Viktorovich VASILIEV (Вадим Викторович ВАСИЛЬЕВ)	Funzjoni: Viċi Ministru għall-Kostruzzjoni, l-Akkomodazzjoni u l-Utilitajiet tal-Federazzjoni Russa, inkarigat mid-Dipartiment għall-Implimentazzjoni tal-Programmi ta' Investiment Reġjonali, mid-Dipartiment għall-Koordinazzjoni tal-Iżvilupp Soċjo-Ekonomiku tar-Reġjuni u mid-Dipartiment għall-Iżvilupp Soċjali u Ekonomiku ta' Ċerti Territorji Data tat-twelid: 1986 Post tat-twelid: Barnaul, Altai Territory, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Vadim Vasiliev huwa l-Viċi Ministru għall-Kostruzzjoni, l-Akkomodazzjoni u l-Utilitajiet tal-Federazzjoni Russa, inkarigat mid-Dipartiment għall-Implimentazzjoni tal-Programmi ta' Investiment Reġjonali, mid-Dipartiment għall-Koordinazzjoni tal-Iżvilupp Soċjo-Ekonomiku tar-Reġjuni u mid-Dipartiment għall-Iżvilupp Soċjali u Ekonomiku ta' Ċerti Territorji. Huwa inkarigat mill-implimentazzjoni tal-politika tal-Ministeru għall-Kostruzzjoni fir-reġjuni annessi ta' Donetsk, Luhansk, Zaporizhzhia u Kherson. Is-sussidji mill-baġit federali tal-Gvern Russu jgħaddu mill-Ministeru għall-Kostruzzjoni sabiex jissaħħaħ 'l-iżvilupp mill-ġdid' tar-reġjuni Ukreni li bħalissa jinsabu taħt il-kontroll Russu. Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi Ministru, Vadim Vasiliev qed jimplimenta politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1816.	Nikita Evgenievich STASISHIN (Никита Евгеньевич СТАСИШИН)	Funzjoni: Viċi Ministru għall-Kostruzzjoni, l-Akkomodazzjoni u l-Utilitajiet tal-Federazzjoni Russa, inkarigat mid-Dipartiment għall-Politika dwar l-Akkomodazzjoni u mid-Dipartiment għall-Iżvilupp Integrat tat-Territorji Data tat-twelid: 7.5.1986 Post tat-twelid: Leningrad, USSR, (illum St. Petersburg, Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Nikita Stasishin huwa l-Viċi Ministru għall-Kostruzzjoni, l-Akkomodazzjoni u l-Utilitajiet tal-Federazzjoni Russa, inkarigat mid-Dipartiment għall-Politika dwar l-Akkomodazzjoni u mid-Dipartiment għall-Iżvilupp Integrat tat-Territorji. Huwa inkarigat mill-implimentazzjoni tal-politika tal-Ministeru għall-Kostruzzjoni fir-reġjuni annessi ta' Donetsk, Luhansk, Zaporizhzhia u Kherson. Is-sussidji mill-baġit federali tal-Gvern Russu jgħaddu mill-Ministeru għall-Kostruzzjoni sabiex jissaħħaħ 'l-iżvilupp mill-ġdid' tar-reġjuni Ukreni li bħalissa jinsabu taħt il-kontroll Russu. Fil-pożizzjoni tiegħu bħala il-Viċi Ministru Nikita Stasishin qed jimplimenta politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1817.	Valeriy Vladimirovich LEONOV (Валерий Владимирович ЛЕОНОВ)	Funzjoni: Viċi Ministru għall-Kostruzzjoni, l-Akkomodazzjoni u l-Utilitajiet tal-Federazzjoni Russa, inkarigat mid-Dipartiment għall-Implimentazzjoni tal-Proġetti Speċjali tal-Infrastruttura Data tat-twelid: 16.1.1975 Post tat-twelid: Kazan, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Valeriy Leonov huwa l-Viċi Ministru għall-Kostruzzjoni, l-Akkomodazzjoni u l-Utilitajiet tal-Federazzjoni Russa, inkarigat mid-Dipartiment għall-Implimentazzjoni tal-Proġetti Speċjali tal-Infrastruttura. Huwa inkarigat mill-implimentazzjoni tal-politika tal-Ministeru għall-Kostruzzjoni fir-reġjuni annessi ta' Donetsk, Luhansk, Zaporizhzhia u Kherson. Is-sussidji mill-baġit federali tal-Gvern Russu jgħaddu mill-Ministeru għall-Kostruzzjoni sabiex jissaħħaħ 'l-iżvilupp mill-ġdid' tar-reġjuni Ukreni li bħalissa jinsabu taħt il-kontroll Russu. Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi Ministru, Valeriy Leonov qed jimplimenta politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1818.	Alexey Sergeyevich GORESLAVSKY (Алексей Сергеевич ГОРЕСЛАВСКИЙ)	Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-Institute for Internet Development, eks ġurnalist u membru tal-amministrazzjoni presidenzjali Russa. Data tat-twelid: 13.7.1977 Post tat-twelid: Moscow, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexey Goreslavsky ilu d-Direttur Ġenerali tal-Institute for Internet Development mill-2021. Minkejja li ġie rreġistrat bħala organizzazzjoni awtonoma mingħajr skop ta' qligħ, l-Institute for Internet Development twaqqaf bl-appoġġ tal-amministrazzjoni presidenzjali Russa, huwa marbut mill-qrib mal-Gvern Russu u jirċievi l-biċċa l-kbira tal-fondi tiegħu mill-Gvern Russu. Qabel in-nomina tiegħu bħala Direttur Ġenerali tal- Institute for Internet Development, Alexey Goreslavsky ħadem fl-amministrazzjoni presidenzjali Russa u tqies bħala l-kuratur tal-Internet tal-Kremlin. Taħt id-direzzjoni ta' Alexey Goreslavsky, l-Institute for Internet Development sar element essenzjali tal-propaganda tal-Kremlin dwar il-gwerra fl-Ukrajna. Huwa responsabbli għall-finanzjament ta' bosta proġetti li jiġġustifikaw u jigglorifikaw il-gwerra, bħal films, serje u proġetti tal-Internet favur il-gwerra. Huwa ta wkoll premju lill-korrispondenti tal-gwerra favur il-Kremlin, li xerrdu propaganda dwar is-sitwazzjoni operazzjonali fil-kamp tal-battalja. Għalhekk, Alexey Goreslavsky bħala d-Direttur Ġenerali tal-Institute for Internet Development, kien u għadu involut f'propaganda b'appoġġ għall-azzjonijiet u l-politiki tal-Gvern Russu li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1819.	Aleksandr Ivanovich MOROZ (Александр Иванович MOROZ)	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' Belarusian Optical-Mechanical Association 'BelOMO' Data tat-twelid: 15.6.1975 Post tat-twelid: Tretyaki village, Berestovitsky district, Grodno region, Belarus Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Indirizz: Niomanskaya street, 61, ap. 10, Minsk, Belarus Numru tal-identità: 3150675A015PB3 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: IDI3858983	Aleksandr Moroz huwa d-Direttur Ġenerali ta' Belarusian Optical-Mechanical Association 'BelOMO'. Huwa nħatar mill-President Lukashenko. BelOMO hija intrapriża tal-istat li topera fis-settur tad-difiża fil-Belarussja, fejn tipproduċi u tbigħ miri ottiċi għal armi żgħar, inkluż miri teleskopiċi u miri ottiċi b'retikoli illuminati. BelOMO topera bħala l-kumpanija maniġerjali għal diversi entitajiet oħra tas-settur tad-difiża. OJSC 'Minsk Mechanical Plant named after S.I. Vavilov' hija intrapriża tal-azjenda BelOMO li tispeċjalizza f'tagħmir ottiku bi skop militari. Hija mmontat l-apparat ta' kuntatt rotanti PVKU-210. Il-PVKU-210 huwa parti minn mira panoramika li tintuża għal mudelli avvanzati ta' tankijiet moderni. Il-prodott huwa fornut lil JSC Peleng, entità soġġetta għal miżuri restrittivi li tipprovdi miri militari lill-impjant tat-tankijiet Russu Uralvagonzavod. JSC 'Zenit-BelOMO', Vileyka hija intrapriża oħra tal-azjenda BelOMO li tispeċjalizza f'tagħmir ottiku bi skop militari. Hija timmanifattura miri militari, inkluż il-miri mortar PM-10 u PM-25, il-mira ottika PGO-7V3 għal lanċaturi tal-granati, u l-mira ottika PSO-1M2 Sniper. Dawk il-prodotti jintużaw b'mod mifrux u huma kompatibbli mal-armi militari użati mir-Russja. JSC BelOMO LEMT EMT hija wkoll parti mill-ażjenda BelOMO. Tispeċjalizza fir-riċerka u l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-modernizzazzjoni ta' apparat ottoelettroniku u tal-laser għal vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ, sistemi ottiċi bil-laser għal sistemi ta' difiża tal-ajru, u sistemi integrati ta' sigurtà u protezzjoni tal-fruntieri. BelOMO LEMT EMT tipproduċi wkoll miri ottiċi u sistemi għal armamenti li jaħdmu bid-dawl, apparat telemetriku bil-laser, moduli ta' telemetrija bbażati fuq lasers b'dijodu, u sistemi ta' kontroll tan-nar bil-laser, inkluż speċifikament għall-armi Russi. BelOMO LEMT EMT tesporta wkoll lejn ir-Russja u qed tiżviluppa armi ġodda tal-laser flimkien mar-Russja. Għaldaqstant, Aleksandr Moroz, fil-kapaċità tiegħu bħala d-Direttur Ġenerali ta' BelOMO, huwa responsabbli għall-appoġġ ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1746/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1820	Ivan Ivanovitsch OKHLOBYSTIN (Иван Иванович ОХЛОБЫСТИН)	Professjoni: artist, direttur tal-films, xeneġġatur u produttur Data tat-twelid: 22.7.1966 Post tat-twelid: Polenovo, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: Raġel	Ivan Okhlobystin huwa attur, direttur tal-films, xeneġġatur u produttur Russu u jappoġġa b'mod miftuħ in-narrattiva ta' propaganda favur il-gwerra tal-Gvern Russu billi jipparteċipa f'avvenimenti ta' propaganda sponsorizzati mill-Istat u billi jżur lit-truppi Russi u lill-forzi separatisti skjerati fl-Ukrajna u jipprovdilhom oġġetti. Għal dawk l-azzjonijiet, Ivan Okhlobystin ingħata midalja mir-riġment tal-Milizzja tal-Poplu tal-ħekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk' għall-parteċipazzjoni fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kif ukoll Ordni tal-Mertu mill-Oblast ta' Zaporozhye okkupat mir-Russja. Ivan Okhlobystin jappoġġa b'mod attiv ir-rikonoxximent tal-ħekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'u l-ħekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk' u ddenunzja pubblikament l-eżistenza tal-istat u s-sovranità tal-Ukrajna. Għaldaqstant jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1821	Mark BLATT magħruf ukoll bħala Mark BLATS magħruf ukoll bħala Marks BLATS (Марк БЛАТТ)	Funzjoni: uffiċjal kap eżekuttiv ta' Texel F.C. G. Technology Limited Data tat-twelid: 23.9.1962 Post tat-twelid: Riga, Latvia Nazzjonalità: Latvjana u Iżraeljana Sess: raġel Numru tal-passaport Iżraeljan: numru 35415368 (validu sal-25.10.2031)	Mark Blatt huwa l-uffiċjal kap eżekuttiv tal-kumpanija Iżraeljana Texel F. C.G. Technology Limited li tforni lill-kumpaniji Russi LLC UNITEK u LLC LINKOS b'firxa wiesgħa ta' komponenti, bil-għan li jiġu inkorporati f'tagħmir militari Russu, bħall-kumpless ta' rikonjizzjoni ottiku-elettroniku multifunzjonali IRONY (apparat telemetriku bil-laser b'sensur b'immaġnijiet termiċi, kanal ottiku addizzjonali ta' riżerva u modulu ta' GPS), li huwa magħruf li jintuża mill-forzi militari Russi. Texel F.C.G. Technology sservi bħala intermedjarja biex tittrasferixxi oġġetti Ewropej lill-kumpaniji Russi LINKOS u UNITEK. Fil-pożizzjoni tiegħu, Mark Blatt qed ifixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet kontra ċ-ċirkomvenzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK u r-Regolament (UE) Nru 833/2014.	24.6.2024

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1746/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1822	Igor Vasilyevich TONKOVIDOV (Игорь Васильевич ТОНКОВИДОВ)	Funzjoni: uffiċjal kap eżekuttiv u Direttur Ġenerali ta' PAO Sovcomflot Data tat-twelid: 5.1.1964 Post tat-twelid: Khabarovsk, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772872084398	Igor Tonkovidov huwa l-uffiċjal kap eżekuttiv u d-Direttur Ġenerali ta' PAO 'Sovcomflot'. Sovcomflot hija l-akbar kumpanija tat-tbaħħir tar-Russja, li tispeċjalizza fit-trasport ta' gass likwifikat, żejt mhux maħdum, u prodotti tal-petroleum, kif ukoll l-għoti ta' servizzi għal produzzjoni ta' enerġija offshore upstream. Sovcomflot tiffoka l-attivitajiet tagħha fuq il-merkanzija domestika u tispeċjalizza fis-segmenti tas-suq tat-tankers li huma partikolarment meħtieġa għall-kummerċ barrani Russu. Sovcomflot hija mexxej dinji fil-qasam tat-tankers Aframax (80 000-120 000 tunnellata ta' piż mejjet) u tankers tal-prodotti. Sovcomflot ilha mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna topera bħala waħda mill-kumpaniji ewlenin li jimmaniġġaw u joperaw it-trasport marittimu taż-żejt Russu. Sovcomflot hija kumpanija tat-tbaħħir tal-istat Russu, u għalhekk, il-Federazzjoni Russa hija l-benefiċjarju aħħari tas-servizzi tagħha. Tali servizzi jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li jammonta għal aktar minn 70 % tad-dħul mill-enerġija tar-Russja, u b'hekk jippermettu lill-Kremlin jiffinanzja l-gwerra ta' aggressjoni tiegħu kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, Igor Tonkovidov qed jappoġġja, materjalment u finanzjarjament, lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1823.	Vladimir Zograbovich AVETISYAN (Владимир Зограбович АВЕТИСЯН)	Funzjoni: Direttur Ġenerali u fundatur ta' LLC RBA-Management Data tat-twelid: 4.5.1955 Post tat-twelid: Chelyabinsk Region, USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772005534726	Vladimir Avetisyan huwa d-Direttur Ġenerali u l-fundatur ta' LLC RBA-Management. LLC RBA-Management hija kumpanija maniġerjali Russa li tipprovdi servizzi legali, kontabilistiċi, ta' sigurtà korporattiva u servizzi oħra ta' ġestjoni, u li taħdem ma' klijenti li jispeċjalizzaw fil-provvista ta' komponenti elettroniċi. LLC RBA-Management tiġġestixxi JSC Compel li tipparteċipa fi skemi ta' importazzjoni għal komponenti elettroniċi u tforni komponenti mikroelettroniċi ta' importanza strateġika lill-industrija Russa, inkluż l-industrija militari. Bħala d-Direttur Ġenerali u l-fundatur ta' LLC RBA-Management, Vladimir Avetisyan huwa responsabbli għall-azzjonijiet tagħha u għalhekk huwa qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	24.6.2024”;

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
“427.	LLC Vostochnaya Stevedoring Company magħrufa wkoll bħala VSC magħrufa wkoll bħala VSK (Общество с ограниченной ответственностью ‘восточная стивидорная компания’ magħrufa wkoll bħala OOO ‘ВСК’)	Indirizz: Russian Federation, Primorsky region, Nakhodka, Vnutriportovaya Street, 14a Tip ta’ entità: kumpanija b’responsabbiltà limitata Post tar-reġistrazzjoni: Nakhodka, Federazzjoni Russa Numru tar-reġistrazzjoni: 2508064833 Post prinċipali tan-negozju: Nakhodka, Federazzjoni Russa	LLC Vostochnaya Stevedoring Company topera t-trasport bil-baħar ta’ kontejners fil-port ta’ Vostochny fir-reġjun ta’ Primorsky tar-Russja. Ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK) bagħtet armi u munizzjon permezz ta’ kontejners lejn il-portijiet Russi tal-Lvant Imbiegħed, inkluż il-Port ta’ Vostochny. Ir-Russja qed tuża l-armi u l-munizzjon mibgħuta mir-RDPK fil-gwerra ta’ aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Bħala l-kumpanija operattiva għat-trasport bil-baħar ta’ kontejners lejn il-port ta’ Vostochny, LLC Vostchnaya Stevedoring Company qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
428.	LLC R-STROY (ООО 'Р-СТРОЙ')	Indirizz: Russian Federation,121357, Moscow Vereiskaya street 29, building 33, 2nd floor, room 23 Tel: + 79495530001 Indirizz elettroniku: info@ooorstroy.ruTip ta' entità: Limited Liability company Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 18.5.2022 Numru tar-reġistrazzjoni: 1227700284470	LLC R-Stroy hija kumpanija tal-kostruzzjoni responsabbli għall-bini mill-ġdid ta' żoni residenzjali ta' Mariupol, li għaliha rċeviet kuntratti tal-gvern mill-Federazzjoni Russa b'termini preferenzjali. Topera fit-territorji okkupati tal-Ukrajna, mingħajr il-permess tal-awtoritajiet Ukreni. Għalhekk, R-Stroy LLC qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
429.	Joint-Stock Company 'United Instrument Manufacturing Corporation' magħrufa ukoll bħala JSC 'OPK'; JSC UIMC (Акционерное Общество 'Объединенная Приборостроительная Корпорация'; magħrufa ukoll bħala АО 'ОПК')	Indirizz: 121357, Russian Federation, Moscow, Vereyskaya st., 29 building 141 Tip ta' entità: Joint Stock Company Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 26.3.2014 Numru ta' reġistrazzjoni: 1147746324340 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7704859803	JSC United Instrument Manufacturing Corporation (JSC OPK) hija korporazzjoni statali Russa – Hija kumpanija maniġerjali speċjalizzata, li taħt l-awspiċji tagħha huma magħqudin l-istrutturi xjentifiċi u ta' produzzjoni tal-industrija radjuelettronika Russa. Il-kumpanija hija assoċjata ma' u timmaniġġja kumpaniji tal-industrija tad-difiża Russa (JSC Ruselectronics, NPP "Istoku Concern Sozvezdie) li jimmanifatturaw tagħmir użat fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, JSC OPK qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
430.	Joint Stock Company 'Scientific and Technical Center "ATLAS" magħrufa ukoll bħala JSC "STC" Atlas' (Акционерное Общество "Научно-Технический Центр 'АТЛАС' magħrufa wkoll bħala АО 'НТЦ"Атлас')	Indirizz: Russian Federation, 127018, Moscow, 38 Obraztsova St Tip ta' entità: Joint Stock Company Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 7.9.2020 Numru ta' reġistrazzjoni: 1207700325590 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	JSC Scientific and Technical Center 'Atlas' (JSC STC Atlas) hija intrapriża Russa li tirriċerka, tiżviluppa u timmanifattura tagħmir u infrastruttura siguri tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni użati fis-settur tad-difiża. JSC STC Atlas għandha liċenzji li jippermettulha tiżviluppa u timmanifattura tagħmir militari. JSC STC Atlas tipproduċi mowbajls li għandhom il-kapaċità li jipproteġu u jikkriptaw il-messaġġi biex jiżguraw it-trażmissjoni sigura tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet Russi. Dawk l-apparati mobbli huma liċenzjati mis-servizzi tal-intelligence Russi – SVR u FSB. Il-Ministeru għad-Difiża Russu xtara ammont sinifikanti ta' mowbajls M-633S b'karatteristiċi ta' komunikazzjoni sigura li kienu ddisinjati u prodotti minn JSC STC Atlas. Barra minn hekk, il-klijenti ta' JSC STC Atlas jinkludu s-servizzi ta' intelligence – FSB u SVR. L-attivitajiet u t-tagħmir ta' JSC STC Atlas isaħħu l-kapaċitajiet operazzjonali u jtejbu s-sigurtà tal-informazzjoni tal-istituzzjonijiet u s-servizzi militari Russi. Fl-4 ta' Mejju 2022, JSC STC Atlas irċeviet ċertifikat ta' apprezzament mill-President tar-Russian Federation Vladimir Putin għall-attivitajiet u l-kontribut tagħha għas-settur tad-difiża tal-pajjiż. Għalhekk, JSC STC Atlas qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
431.	Joint-Stock Company 'Research and Production Enterprise "Istok" Named After A.I. Shokin' magħrufa wkoll bħala NPP Istok; magħrufa ukoll bħala JSC 'NPP "Istok" named after Shokin'; magħrufa ukoll bħala Public Joint Stock Company Research & Production Corporation Istok Named After AI Shokin magħrufa ukoll bħala JSC 'Scientific and Production Enterprise "Istok" named after A. I. Shokin' (Акционерное Общество 'Научно-Производственное Предприятие "Исток" имени А. И. Шокина' magħrufa ukoll bħala АО 'НПП "Исток" им. Шокина' magħrufa ukoll bħala НПП 'Исток')	Tip ta' entità: Joint Stock Company Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 31.12.2013 Numru ta' reġistrazzjoni: 1135050007400 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5050108496	JSC 'Research and Production Enterprise "Istok" Named After A.I. Shokin' (JSC NPP 'Istok) hija produttur ewlieni Russu tal-komponenti elettroniċi għall-użu spazjali u militari. Il-prodotti (apparat mikromewġ) u t-teknoloġiji (il-pjattaforma diġitali IIoT.Istok) żviluppati mill-kumpanija jintużaw għal skopijiet militari. Fl-2022, JSC NPP 'Istok ġiet immodernizzata u estiża bl-għajnuna tal-programm tal-istat 'Żvilupp tal-Industrija tad-Difiża'. Għalhekk, JSC NPP Istokqed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
432.	Joint-Stock Company '103 Armoured Repair Plant' (Акционерное общество '103 Бронетанковый ремонтный завод')	Indirizz: Russian Federation, Chita region, Chita district, Atamanovka village, Zavodskaya Street, 1 Tip ta' entità: Joint-Stock Company Post tar-reġistrazzjoni: 672530, Trans-baikal territory, Chita district, 1 Atamanovskoye, Atamanovka, ul. zavodskaya, d.1 Data tar-reġistrazzjoni: 11.6.2009 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7524015624 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	JSC 103 Armoured Repair Plant hija speċjalizzata l-aktar fit-tankijiet u fit-tiswija u l-manutenzjoni ta' vetturi blindati. Hija l-akbar intrapriża ta' tiswija u modernizzazzjoni tal-vetturi blindati fil-Lvant Imbiegħed Russu, li tinsab fir-raħal ta' Atamanovka fit-Territorju Transbaikal. L-impjant irċieva ordni tal-gvern għat-tiswija u l-modernizzazzjoni ta' 800 tank għat-tliet snin li ġejjin. L-uffiċjali tal-gvern faħħru l-ħidma tal-impjant għat-tħejjija ta' tankijiet T-62 li tneħħew mill-ħżin għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, JSC 103 Armoured Repair Plant qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
433.	Nizhny Novgorod Joint-Stock Company 'Hydromash' named after V.I. Luzyanin magħrufa ukoll bħala. JSC Hydromash; NJSC Hydromash; Nyzhehorodske aktsionerne tovarystvo 'Hidromash' imeni V. I. Luzianina (Нижегородское Акционерное Общество 'Тидромаш' имени В. И. Лузянина; magħrufa ukoll bħala НАО 'Тидромаш')	Indirizz: 603022, Russian Federation, Nizhny Novgorod region, Nizhny Novgorod, Gagarin Ave., 22 Tip ta' entità: Joint Stock Company Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 2.7.1990 (data ta' inkorporazzjoni 30.7.2002) Numru ta' reġistrazzjoni: 1025203720189 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5262008630 E-mail: info@hydromash.ru Tel: + 78314337511 Sit web: www.hydromash.ru	Nizhny Novgorod JSC 'Hydromash' named after V.I. Luzyanin (JSC Hydromash) hija intrapriża Russa ewlenija fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-ittestjar ta' attrezzatura għall-inżul, ċilindri. idrawliċi u unitajiet idrawliċi għal kull tip ta' apparat ta' inġenji tal-ajru. Il-kumpanija tipparteċipa fi kważi l-proġetti domestiċi kollha ta' kostruzzjoni ta' inġenji tal-ajru (kemm fl-isfera ċivili kif ukoll f'dik militari). JSC Hydromash twettaq l-ordnijiet ta' difiża tal-istat Russu, u l-prodotti tagħha (xażi u unitajiet idrawliċi oħra) jintużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, JSC Hydromash qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
434.	Federal State Budgetary Scientific Institution "'Federal Research Center Institute of Applied Physics" A. V. Gaponov-Grekhova of the Russian Academy of Sciences' magħrufa ukoll bħala. IAP RAS magħrufa ukoll bħala. A.V. Gaponov-Grekhov Institute of Applied Physics of the Russian Academy of Sciences; magħrufa ukoll bħala. Federal Research Center Institute of Applied Physics of the Russian Academy of Sciences (Федеральное Государственное Бюджетное Научное Учреждение 'Федеральный Исследовательский Центр Институт Прикладной Физики им. А.В. Гапонова-Грехова Российской Академии Наук'; magħrufa wkoll bħala. ФИЦ ИПФ РАН)	Indirizz: 603950, Russian Federation, Nizhny Novgorod region, Nizhny Novgorod, st. Ulyanova, 46 Tip ta' entità: Federal State Budgetary Scientific Institution Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 12.4.1993 (data ta' inkorporazzjoni 11.9.2002) Numru ta' reġistrazzjoni: 1025203020193 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5260003387 Sit web: https://www.ipfran.ru/ Email: dir@ipfran.ru Tel: + 7 (831) 436-62-02, +7 (831) 416-06-16	"Federal Research Centre Institute of Applied Physics" A. V. Gaponov-Grekhova of the Russian Academy of Sciences' (IAP RAS) hija istitut tal-istat li l-oqsma ewlenin ta' riċerka xjentifika tiegħu jinkludu l-elettronika ta' potenza għolja, l-elettrodinamika tal-plażma, il-fiżika tal-laser u l-ottika nonlineari, u s-sistemi kwantistiċi. IAP RAS huwa ffinanzjat mill-istat Russu u l-invenzjonijiet tiegħu jintużaw fl-ipproċessar tal-materjal ta' preċiżjoni, il-kontroll tal-proċessi ta' produzzjoni, u kompiti militari u tekniċi. Barra minn hekk, IAP RAS għandha liċenzji għall-manutenzjoni u l-iżvilupp ta' armi u tagħmir militari. Għalhekk, IAP RAS qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
435.	Federal State Budgetary Educational Institution International Children's Centre 'Artek' (Международный детский центр 'Артек')	Indirizz: Leningradskaya street, building 41, Hurzuf, Yalta, Crimea, Ukraine Tel: 8 800 600 20 85 Sit web: https://artek.org/Email: center@artek.orgPost tar-reġistrazzjoni: Leningradskaya street, building 41, Hurzuf, Yalta, Crimea, Ukraine Data tar-reġistrazzjoni: 15.8.2014 Numru ta' reġistrazzjoni: 9103003070 Post prinċipali tan-negozju: Crimea, Ukraine	Federal State Budgetary Educational Institution International Children's Centre Artek ilha taħt il-kontroll tal-Ministeru għall-Edukazzjoni tar-Russja mill-annessjoni illegali tal-Krimea u tal-belt ta' Sevastopol fl-2014. Sa mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fl-2022, hija kienet qed torganizza kampijiet għat-tfal mill-Ukrajna, inkluż mit-territorji okkupati ta' Kherson, Donetsk, Luhansk u Zaporizhzhia. F'dawk il-kampijiet, it-tfal iħejju materjali ta' appoġġ għas-suldati Russi li jipparteċipaw fil-gwerra. F'xi każijiet, it-tfal Ukreni ma tħallewx jirritornaw lura d-dar u ġew imġiegħla juru l-appoġġ tagħhom għar–Russja. Għalhekk, il-Federal State Budgetary Educational Institution International Children's Center'Artek' qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
436.	Federal State Unitary Enterprise 'Novorossiya Railways' (ФГУП 'Железные дороги Новороссии')	Indirizz: Artema street 68 Donetsk, 283001, Ukraine Tel:(+7856) 319-56-31 Sit web: https://gd-n.ru/Email: press_gdn@mail.ru Tip ta' entità: Federal State Unitary Enterprise Post tar-reġistrazzjoni: Donetsk, Ukraine Data tar-reġistrazzjoni: 8.6.2023 Numru ta' reġistrazzjoni: 1239300005988 Post prinċipali tan-negozju: Ukraine	Il-Federal State Unitary Enterprise "Novorossiya Railways inħolqot permezz ta' digriet tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa tad-29 ta' Mejju 2023 biex tikkonsolida l-linji ferrovjarji tat-territorji ta' Donetsk, Luhansk, Kherson u Zaporizhzhia li mhumiex taħt il-kontroll tal-gvern tal-Ukrajna u tmexxihom taħt il-kontroll tal-awtoritajiet Russi. Novorossiya Railways qed tiġi ffinanzjata mill-baġit federali tal-Federazzjoni Russa. L-għan tagħha huwa li toħloq konnessjonijiet alternattivi tat-trasport, li mbagħad jistgħu jintużaw għat-trasport, fost l-oħrajn, ta' materjal militari biex jintuża fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Novorossiya Railways qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
437.	OJSC Ural Airlines (Уральские Авиалинии)	Indirizz: Per. Utrenniy 1G, 620025 Ekaterinburg, Russian Federation Tip ta' entità: Airline / Open Joint Stock Company Post tar-reġistrazzjoni: Ekatrinburg, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 28.12.1993 Numru ta' reġistrazzjoni: 6608003013, 668501001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation	Ural Airlines hija linja tal-ajru ċivili Russa. Mill-bidu tal-gwerra ta'aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, Ural Airlines ipprovdiet appoġġ loġistiku, b'mod partikolari billi ttrasportat persunal militari lejn iż-żona tal-gwerra matul il-fażi ta' mobilizzazzjoni. F'din il-kapaċità, Ural Airlines stabbiliet ukoll skema speċjali ta' bejgħ ta' biljetti mal-Ministeru għad-Difiża Russu. Ural Airlines qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
438.	Volga-Dnepr Group magħruf wkoll bħala. Volga-Dnepr Moscow (Группа компаний ‘Волга-Днепр’, magħruf ukoll bħala. Волга-Днепр Москва”)	Indirizz: Russian Federation, 41411, Moscow, Sh. Mezhdunarodnoye, 28B, Bldg. 3 Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 9.1.2016 Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa: 774301001 KPP: 7704223366 OGRN: 1027700590521	Volga Dnepr Group huwa kumpanija azzjonarja ewlenija Russa tat-trasport tal-ajru, li tispeċjalizza fit-trasport ta’ merkanzija tqila permezz ta’charters domestiċi u internazzjonali u operazzjonijiet skedati. Sa mill-bidu tal-gwerra ta aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Volga Dnepr Group kellu rwol kruċjali fil-manutenzjoni tal-kumpless militari-industrijali tar-Russja u fl-għoti ta’ servizzi tat-trasport bl-ajru għal finijiet militari Russi. Volga Dnepr Group huwa wkoll il-kumpanija prinċipali ta’ Volga Dnepr Airlines LLC. Il-flotta ta’ Volga Dnepr Group tikkonsisti minn 12-il ajruplan tat-tip Antonov An-124, ħames Boeing 747-8F u ħames IL-76TD-90VD (IV). Il-Volga Dnepr Airlines LLC għandha operazzjonijiet tal-ajru sinifikanti u tipprovdi servizzi tat-trasport f’setturi ta’ sinifikat strateġiku għall-Gvern Russu, billi timporta minn pajjiżi terzi tagħmir elettroniku, tal-IT u tal-komunikazzjoni, li huma rilevanti għall-isforzi tar-Russja fil-gwerra ta’ aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għar-rwol kruċjali tiegħu fl-appoġġ tal-Federazzjoni Russa, il-Volga Dnepr Group irċieva sussidji ta’ appoġġ mill-Gvern Russu. Għalhekk, Volga-Dnepr Group qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed jibbenefika minnu.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
439.	Volga-Dnepr Airlines LLC (ООО ‘Авиакомпания “Волга-Днепр”’)	Indirizz: 432064, Russian Federation, Ulyanovsk region, Ulyanovsk, st. Karbysheva, 14 Numru ta’ reġistrazzjoni: 1077328004841	Volga Dnepr Airlines LLC hija parti mill-Volga-Dnepr Group, grupp ewlieni ta’ kumpaniji Russi speċjalizzati fit-titjiriet ta’ merkanzija u charter. Il-flotta ta’ Volga Dnepr Group’s tikkonsisti minn 12-il ajruplan tat-tip Antonov An-124, ħames Boeing 747-8F u ħames IL-76TD-90VD (IV). Volga Dnepr Airlines LLC, għandha operazzjonijiet tal-ajru sinifikanti u twettaq negozju f’settur ta’ sinifikat strateġiku għall-Gvern Russu Hi tipprovdi t-trasport minn pajjiżi terzi ta’ tagħmir -elettroniku, tal-IT u tal-komunikazzjoni li jintuża fil-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u tgħin lir-Russja fiċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet eżistenti. Għalhekk, Volga-Dniepr Airlines LLC hija responsabbli li tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna..	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
440.	Public Joint-Stock Company 'Chelyabinsk Forge and Press Plant' magħrufa wkoll bħala PJSC 'CHKPZ' (Публичное Акционерное Общество 'Челябинский Кузнечно-Прессовый Завод' magħrufa wkoll bħala ПАО 'ЧКПЗ')	Indirizz: 454012, Russian Federation, Chelyabinsk Region, Chelyabinsk, st. Gorelova, 12 Tip ta' entità: Public Joint Stock Company Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 10.11.1993 (data ta' inkorporazzjoni 12.9.2002) Numru ta' reġistrazzjoni: 1027402696023 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7449006184 Email: com@chkpz.ru Tel: + 7 (351) 259-70-16 Sit web: https://www.chkpz.ru/	PJSC 'Chelyabinsk Forge and Press Plant' (PJSC CHKPZ) hija waħda mill-intrapriżi ewlenin tar-Russja fl-industriji tal-bini tal-magni u tal-ifforġar. L-attivitajiet ta' PJSC CHKPZ huma f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul għall-Federazzjoni Russa. Fl-2012 PJSC CHKPZ daħlet fl-Assoċjazzjoni tal-Intrapriżi tal-Kumpless Militari-Industrijali tar-Reġjun ta' Chelyabinsk. Taħt l-ordni tad-difiża tal-istat, il-kumpanija tipproduċi projettili għall-munizzjon tal-artillerija maħsuba biex jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, PJSC CHKPZ qed tappoġġa materjalment u finanzjarjament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu. Barra minn hekk, PJSC CHKPZ hija assoċjata ma' Valery Karlovich Gartung.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
441.	PV Bridge (ООО ПВ Бридж)	Address::Russian Federation, 105082, Moscow, Rubtsovskaya nab., 3 p. 1 Tip ta' entità: Limited Liability Company Post tar-reġistrazzjoni:: Russian Federation, 105082, Moscow, Rubtsovskaya nab., 3 p. 1 Data tar-reġistrazzjoni: 29.4.2011 OGRN: 1117746345166 Post prinċipali tan-negozju: Moscow, Russian Federation	PV Bridge hija kumpanija tal-konsenja ta' merkanzija bbażata fir-Russja. Hija involuta fl-importazzjoni parallela lejn ir-Russja ta' oġġetti soġġetti għal miżuri restrittivi tal-Unjoni. PV Bridge hija involuta b'mod attiv fiċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet billi taqdi r-rwol ta' faċilitatur ewlieni kemm fit-tranżazzjonijiet finanzjarji kif ukoll fil-konsenja ta' oġġetti pprojbiti mill-Unjoni lir-Russja permezz tas-sħubija tagħha ma' pajjiżi terzi. Għalhekk, PV Bridge qed tfixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 833/2014.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
442.	LLC TC 'Fly Bridge' magħrufa wkoll bħala. Limited Liability Company Technology Company 'Fly Bridge' (ООО ТК Флай-Бридж magħrufa wkoll bħala. Общество с Ограниченной Ответственностью Технологическая Компания 'Флай Бридж')	Indirizz: 141707, Russian Federation, Moscow region, Dolgoprudny city, Patsaeva Ave., 7 building 1, office 28/1 Tip ta' entità: Limited Liability Company Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 18.6.2010 Numru ta' reġistrazzjoni: 1105047006954 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5008054416	LLC TC 'Fly Bridge' hija importatur tal-elettronika. Bis-saħħa ta' skema loġistika stabbilita, il-kumpanija twassal oġġetti sanzjonati (mikroċipep) minn barra l-pajjiż lejn il-kumpless militari-industrijali Russu li jimmanifattura tagħmir użat fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fid-dawl tas-sanzjonijiet tal-Punent, il-Gvern Russu pprovda appoġġ sostanzjali lill-kumpaniji Russi kollha involuti fl-industrija tal-mikroelettronika, li hija ta' importanza strateġika għall-isforzi tar-Russja fil-gwerra. Għalhekk, LLC TC Fly Bridge qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Minbarra dan, LLC TC 'Fly Bridge' qed tfixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK u r-Regolament (UE) Nru 833/2014.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
443.	‘Engineering Center of Innovative Technologies’ magħrufa wkoll bħala. LLC ‘Center of Innovative Technologies and Engineering’; magħrufa wkoll bħala. ‘Engineering Center for Innovative Technologies’; magħrufa wkoll bħala LLC ‘CITI’; magħrufa wkoll bħala. ‘ECITECH’ (ООО ‘Центр Инновационных Технологий и Инжиниринга’; magħrufa wkoll bħala. ‘Инженерный Центр Инновационных Технологий’ magħrufa wkoll bħala. ООО ‘ЦИТИ’)	Indirizz: 141190, Russian Federation, Moscow region, Fryazino city, Zavodskoy pr-d, 2, office space 632 Tip ta’ entità: Limited Liability Company Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 26.9.2016 Numru ta’ reġistrazzjoni: 1165050054949 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5050127869 Sit web: www.ecitech.ru E-mail: info@ecitech.ru Tel: + 7 499 390-19-63	L-‘Engineering Center of Innovative Technologies’ jispeċjalizza fl-isfera tar-radjuelettronika u tipproduċi linji teknoloġiċi integrati u komponenti elettroniċi ġodda. Huwa jipparteċipa fl-iskema loġistika stabbilita biex twassal oġġetti sanzjonati (mikroċipep) minn barra l-pajjiż lejn l-intrapriżi tal-kumpless militari-industrijali Russu li jimmanifatturaw tagħmir użat fil-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fid-dawl tas-sanzjonijiet tal-Punent, il-Gvern Russu pprovda appoġġ sostanzjali lill-kumpaniji Russi kollha involuti fl-industrija tal-mikroelettronika, li hija ta’ importanza strateġika għall-isforzi tar-Russja fil-gwerra. Għalhekk, ‘Engineering Center of Innovative Technologies’ qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Engineering Center of Innovative Technologies”, bħala sussidjarju tiegħu huwa assoċjat mal-importatur tal-elettronika LLC TC Fly Bridge.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
444.	Akmat Kadyrov Foundation magħrufa wkoll bħala. Kadyrov Foundation magħrufa wkoll bħala. AKF magħrufa wkoll bħala. Regional Public Foundation named after the hero of Russia Akhmat Kadyrov	Indirizz: Chechen Republic, Gudermes Kommunisticheskaya str. 9 Data tar-reġistrazzjoni: 17.9.2004 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 2005504830 KRP: 200501001	L-Akmat Kadyrov Foundation twettaq programmi ta' riedukazzjoni għat-tfal u l-adolexxenti Ukreni, u ġġiegħlhom jipparteċipaw f'taħriġ militaristiku bl-intenzjoni li dawn jiġu aljenati minn pajjiżhom u minn qrabathom. Barra minn hekk, l-Akmat Kadyrov Foundation tipprovdi inċentivi finanzjarji lill-familji tal-ġellieda Ċeċeni involuti fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna biex jattiraw voluntiera ġodda u jżommu motivati dawk li diġà qed jiġġieldu. Sa mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni, l-Akmat Kadyrov Foundation ipprovdiet ikel u tagħmir tekniku lill-ġellieda Russi u separatisti fl-Ukrajna. L Akmat Kadyrov Foundation għalhekk qed tappoġġa, materjalment u finanzjarjament, azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, l- Akmat Kadyrov Foundation qed twettaq tranżazzjonijiet mal-gruppi separatisti fir-reġjun ta' Donbas tal-Ukrajna. Hija assoċjata wkoll ma' Ramzan Akhmadovitch Kadyrov u Aimani Nesievna Kadyrova.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
445.	Belarusian Republican Youth Union (bir-Russu: Белорусский республиканский союз молодёжи bil-Belarussu: Беларускі рэспубліканскі саюз моладзі)	Indirizz: 40-79 Karl Marx street, Minsk, Belarus, 220030 Tip ta' entità: Organizzazzjoni Mhux Governattiva Tel: 8 (017) 371 04 64 Website: http://www.brsm.by/ruEmail: okrckbrsm@gmail.com	Il-Belarusian Republican Youth Union hija organizzazzjoni nongovernattiva fil-Belarussja u hija waħda mill-atturi ewlenin involuti fid-deportazzjoni ta' tfal Ukreni mit-territorji okkupati illegalment tal-Ukrajna lejn il-Belarussja. Il-Belarusian Republican Youth Union kienet involuta fis-sottomissjoni tat-tfal għal riedukazzjoni u indottrinazzjoni politika, kif ukoll fil-koordinazzjoni ta' aspetti prattiċi, bħall-akkomodazzjoni tat-tfal fil-Belarussja. Għalhekk, il-Belarusian Republican Youth Union qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
446.	Limited Liability Company 'Inkotech' magħrufa wkoll bħala. LLC 'Incotech' (Общество с ограниченной Ответственностью 'Инкотех' magħrufa wkoll bħala. ООО 'Инкотех')	Indirizz: 194100, Russian Federation, St. Petersburg, Vyborgskaya embankment, 55 k. 3 letter a, premises. 5-n Tip ta' entità: Limited Liability Company Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 3.2.2016 Numru ta' reġistrazzjoni: 1167847076825 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7811285656 Sit web: www.inkotech.ru Tel: 8 (812) 779-18-88 E-mail: contact@inkotech.ru	LLC Inkotech hija fornitriċi Russa ta' komponenti elettroniċi importati u bordijiet ta' ċirkwiti stampati ta' diversi livelli. Il-kumpanija twassal prodotti bħal komponenti tas-semikondutturi u l-mikromewġ minn barra l-pajjiż lill-akbar intrapriżi tal-kumpless militari industrijali Russu li jimmanifatturaw tagħmir użat fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, LLC Inkotech qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
447.	Limited Liability Company ‘IQ Components’ magħrufa wkoll bħala. LLC ‘IQ Components’ magħrufa wkoll bħala. LLC ‘I Q Components’ magħrufa wkoll bħala. ‘Ai Kyu Komponents’ (Общество с Ограниченной Ответственностью ‘Ай Кью Компонентс’ magħrufa wkoll bħala. ООО ‘Ай Кью Компонентс’)	Indirizz: 192102, Russian Federation, St. Petersburg, Salova street, 45 letter Ya, room 1N room 35 Tip ta’ entità: Limited Liability Company Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 6.3.2019 Numru ta’ reġistrazzjoni: 1197847052963 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7816691806 Sit web: https://iqcomponents.ru/ Tel: 8 (812) 779-18-18 E-mail: contact@iqcomponents.ru	LLC IQ Components hija importatur Russu ta’ komponenti elettroniċi. Il-kumpanija twassal prodotti bħal komponenti tas-semikondutturi u l-mikromewġ minn barra l-pajjiż lill-akbar intrapriżi tal-kumpless militari industrijali Russu li jimmanifatturaw tagħmir użat fil-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, LLC IQ Components qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, LLC IQ Components hija assoċjata ma’ LLC Inkotech..	24.6.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
